ĠWANN MAMO jara fil-Letteratura arma qawwija li tqanqal il-fehmiet u ċċaqlaq lis-soċjetà. Għalih il-kelma miktuba trid tipprovoka u tisfida. F'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* u fil-kitbiet fuq il-ġurnali juri x-xewqa ħerqana li Malta tara d-dawl. Mamo jħeġġeġ lill-Maltin, u l-aktar lill-ħaddiema, biex jilħqu l-livell ta' artijiet oħrajn; il-mudell hu l-Ewropa u s-sigriet jinsab fl-edukazzjoni. Għal dan il-għan jikkritika, joħloq il-polemika, jikteb l-appelli u jinqeda biċ-ċajt biex jikxef ħwejjeġ koroh. Id-dwejjaq u r-rabja tiegħu għal Malta huma mbiddlin f'farsa bis-saħħa tar-rumanz li, ladarba hu letterarju, għandu tifsira li tinfirex anki 'l barra minn żmienu.

DR. OLIVER FRIGGIERI hu l-awtur ta' għadd ta' kotba u studji mxandrin f'Malta u f'diversi pajjiżi barranin. Kotba tiegħu, ta' kritika u narrativa, dehru fl-Italja, fl-Iskozja u fil-Jugoslavja. L-istudji tiegħu ġew ippreżentati wkoll f'diversi kungressi internazzjonali tal-kritika. Hu membru ta' l-Association Internationale des Critiques Littéraires (Pariġi) u jgħallem il-Letteratura Maltija fl-Università.

Mitbugħ f'Malta mill-Interprint Limited

# ĠWANN MAMO

## IL-KITTIEB TAR-RIFORMA SOĊJALI



OLIVER FRIGGIERI

MZ4
P.B.92
F

UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY

Progressive No. of Work 143927

No. of Volumes ONE

Class Mark MZ4
P.B92

REFERENCE

Remarks 301331

MELITENSIA

*143927*

# ĠWANN MAMO

## IL-KITTIEB TAR-RIFORMA SOĊJALI

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
- MAIN LIBRARY -

*studju ta'*

**OLIVER FRIGGIERI**

UNIVERSITY OF MALTA
- MAIN LIBRARY -

Mid-Med Bank Limited

*(1984)*

143927

Pubblikazzjoni Mid-Med Bank Limited

Din il-pubblikazzjoni © Mid-Med Bank Limited u Dr. Oliver Friggieri.

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ, jinsilef jew jingħata b'xejn kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-format jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' min għandu l-copyright.

Miġbud bl-offset u stampat għall-ewwel darba fl-Interprint Ltd., Malta 1984.

# WERREJ

## *I. IL-KITTIEB BĦALA GĦALLIEM*

L-isfond soċjali tas-seklu dsatax
L-awtur bħala bniedem
Ir-rabta ma' Manwel Dimech
L-ideal tal-qawmien bis-saħħa tat-tagħlim
Il-fehmiet ewlenin ta' Mamo

## *II. ULIED IN-NANNA VENUT FL-AMERKA*

Il-mixja lejn il-letteratura
It-traġedja nazzjonali maħlula f'farsa soċjali
L-ilsien popolari u l-kitba letterarja
L-inkjesta soċjali
Lejn definizzjoni tar-rumanz
Il-preżenza ta' Mamo fil-letteratura Maltija
Il-kittieb bħala riformatur soċjali

# TAQSIR TA' KLIEM FIN-NOTI

| | |
|---|---|
| Il-Berqa | B. |
| Il-Bandiera tal-Maltin | B.M. |
| Emigration | E. |
| Il-Ħmar | Ħ. |
| Il-Ħabib | Ħa. |
| Il-Ħmara | Ħm. |
| Il-Kotra | K. |
| Il-Ljun | L. |
| Labour Opinion | L.O. |
| Melita | M. |
| Malta tal-Maltin | M.M. |
| Patrija | P. |

*MALTA LI TOĦROĠ MIR-RUMANZ u minn għadd ta' kitbiet oħrajn ta' Ġwann Mamo hi gżira magħluqa fiha nnifisha, imgħaddsa fil-"privileġġ" ta' l-injuranza, fil-faqar u fl-inġustizzji. It-tliet xejriet kważi huma meqjusin bħala varjazzjonijiet ta' ħaġa waħda, bħal-likieku qawwa kbira ta' aljenazzjoni ħakmet fuq il-kolonja Maltija u laqtet kemm lill-klassi li tmexxi u kemm lill-klassi li titmexxa (il-bqija tal-popolazzjoni). F'nofs iż-żewġ naħiet, it-tnejn ikkundannati bl-aħrax b'mod jew b'ieħor, Mamo jippreżenta ruħu bħala l-ħassieb imdawwal li qiegħed jara l-kriżi daqskemm it-triq imbiegħda tas-soluzzjoni.*

# I. IL-KITTIEB BĦALA GĦALLIEM

## *L-isfond soċjali tas-seklu dsatax*

L-ambjent ta' qabel żmienu u ta' żmienu, fil-gżira kollha (meqjusa minnu, u minn oħrajn, bħala raħal wieħed) u f'Ħal Luqa fejn twieled u trabba, hu nofs l-isfond fil-ħajja mwiegħra li jpinġi bis-saħħa kollha f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*. In-nofs l-ieħor, inqas imtella' fil-wiċċ iżda meħud bħala l-punt tal-kuntrast, hu d-dinja ta' "BarraminnMalta", kelma waħda li, kif jużaha fit-taqsima LVIII tar-rumanz, tippreżenta l-univers tad-dawl f'kuntrast mad-dinja żgħira, ir-raħal tad-dlam, Malta, "il-gżira tal-bronż u l-ġebel" (XXI), "il-pajjiż tal-bhejjem" (XXI), fejn igħammru "l-fanatiċi" (XLI, LVII).

Ħal Luqa, bħal inħawi oħrajn tal-gżira, intlaqtet mill-pesta ta' l-1813, mill-ġidri ta' l-1830, mill-kolera ta' l-1837, ta' l-1850 u ta' l-1865. Flimkien mal-mard kien hemm ukoll il-faqar u n-nuqqas ta' xogħol. Ix-xogħol ewlieni tal-Ħalluqin kien maqsum bejn il-bdiewa, ir-ragħajja u l-ħaddiema tal-ġebel. "Kemm il-faqar kien kbir f'Ħal Luqa f'dawn is-snin narawh miċ-ċensiment ta' l-1851 — nofs it-385 familja li kien hemm kienu magħdudin bħala foqra."[1] L-emigrazzjoni, għalhekk, kienet għamla ta' soluzzjoni importanti għall-popolazzjoni. "L-emigrant kien ħafna drabi jitlaq minn Malta bla ma jkun jaf x'se jsib fil-post fejn ikun sejjer. Ġie li marru Ħalluqin u reġgħu lura Malta f'inqas minn sena għax ma jkunux sabu xogħol għal qalbhom." Minn popolazzjoni ta' 1592 f'Ħal Luqa kien hemm 339 jaħdmu fir-raba'. Sa l-1868 il-ġuħ kien reġa' kiber u n-nies kienu jgħaddu jiem sħaħ bla ikel xieraq. Uħud waslu biex kielu l-ħarrub. "Il-kummissjoni mwaqqfa fl-1867 biex tagħmel rapport fuq in-nuqqas ta' xogħol ikkunslat ruħha meta sabet li l-ħarrub ma jagħmilx ħsara lin-nies." Matul l-1871 Ħal Luqa kellu għadd ġmielu ta' ħaddieda u mastrudaxxi, minbarra x-xogħol imsemmi qabel. Fl-1887 ir-raħal intlaqat ukoll mill-kolera, imxija li ħalliet warajha faqar kbir. F'dan iż-żmien twaqqfu "kċejjen tas-soppa" u fir-raħal kienu jitqassmu mitt platt soppa kuljum, u ftit wara bdew jitqassmu mitejn. Fl-istess żmien, madankollu, saru sforzi bikrija biex jinbdew servizzi soċjali importanti.[2]

## *L-awtur bħala bniedem*

Ġwann Mamo twieled Ħal Luqa fit-28 ta' Settembru 1886[3] minn Pawlu Mamo u Marija Anna Camilleri, it-tnejn minn Ħal Luqa, li żżewġu fis-27 ta' Jannar 1883.[4] Ġwann, li fil-magħmudija ngħata l-ismijiet Joannes Baptista, Philippus, Michael u Joseph,[5] kien it-tielet wieħed fost ħames aħwa, ilkoll imwelldin fl-istess raħal.[6] Il-familja Mamo, magħrufa bħala "Ta' Klawdju", kienet toqgħod fid-dar 64 Triq Brittanika (illum Triq Pawlu Magri).[7] Missieru kien bidwi u bennej, u lil ibnu kien jibagħtu jindokra t-tin u t-tin imqaddet, iżda Ġwanni kien jagħtih lin-nies biex jeħles minnu u jintasab jistudja.[8] Sa minn żgħożitu ħalla r-raħal u ftit li xejn kien jersaq 'l hemm.[9]

Fid-19 ta' Mejju 1923 Ġwann iżżewweġ lil Carmela Vella mill-Marsa fil-parroċċa tal-Marsa,[10] u kellu disat itfal, mogħtijin ismijiet rari ħafna, bħal Arjele Kwintinu, Saturnina, Saturnino Bramande u Klawdinu Amerigo,[11] għażliet li juru l-eklettiżmu kulturali tiegħu. Kien igħammar fid-dar 51 (illum 118) Triq Azzopardi, il-Marsa. Fit-28 t'April 1941, għall-ħabta tal-ħdax nieqsa kwart ta' filgħodu Mamo nstab mejjet b'"ħasda minn kustilji miksura" fuq il-blat magħruf bħala Il-Munqar, ħdejn Wied Babu, limiti taż-Żurrieq. Din is-sejba saret wara li kienu ilhom ifittxuh, għax naqas mid-dar, għal madwar sebat ijiem.[12] Jingħad li waqa' waqt li kien qiegħed ifittex xi ħxejjex mediċinali.[13] Wara li saritlu l-awtopsja ngħatatlu difna regolari ta' kattoliku.[14] Indifen fiċ-ċimiteru ta' l-Addolorata, fit-Taqsima tal-Gvern, Diviżjoni Est, Sezzjoni EA, Kompartiment A, numru 74.[15]

Mamo għex dejjem ħajja ta' fqir,[16] u ma kellux qabar tal-familja. Żmien wara, l-għadam tiegħu ttieħed fl-ossarju bħal ta' kulħadd. Biex tgħejjex lil uliedha martu Karmena (jew Mari' Karm) kellha tbigħ il-kotba kollha li kellu żewġha. Hu kellu ġabra kbira ta' kotba qodma li kienu għeżież ħafna għalih. Kellu ħanut b'dawn il-kotba, "The Mail Order Dealing and Company", fil-Ħamrun, kantuniera ma' Triq San Tumas u Triq Irjali.[17] F'żewġ passaporti tiegħu, bħala professjoni, hemm imniżżel li kien skrivan fl-ewwel wieħed, u antikwarju fit-tieni.[18]

Il-karattru ħaj, avventurier u kritiku tiegħu jidher f'għadd ta' ħidmiet u kitbiet, minbarra fir-rumanz. Kien bniedem li jħobb isiefer, bħallikieku ħass minn kmieni l-egħluq tal-gżira li mbagħad fisser b'ħila pittorika u drammatika fir-rumanz. Fl-ewwel gwerra dinjija Mamo għadda xi żmien fl-Eġittu;[19] minn Kom-El-Dik Fort, Lixandra, Mamo bagħat poeżija dwar San Andrija, il-padrun ta' raħal twelidu, lill-editur

ta' "Il-Ħabib". Lil hinn minn kull konsiderazzjoni tas-siwi letterarju tagħha, il-poeżija, miktuba b'settenarji mtennija, tista' tixħet dawl fuq l-ewwel xejriet tiegħu bħala Malti:

*Irrid lilek infaħħar, Appostlu l-aktar kbir,*
*għax int id-dawl tal-Fid' xandart, O Sant'Andrija;*
*l-ewlieni fost l-appostli, li ġrew wara l-Messija,*
*tisthoqq tal-martri l-palma, kull ġieh u kull tifħir.*

*Inti ħu daka Pietru, li darba kellu jsir*
*l-ewlieni Rajjes Rumi, tal-Knisja Nisranija;*
*inti li tajt ix-xhieda b'mewt ta' l-aqwa kefrija,*
*għaliex dawwalt 'l Akaja b'ta' Kristu it-tifsir.*

*Minn dak Eġija l-kiefer f'salib imsallab ġejt,*
*u int minn fuqu leħnek għal tlitt ijiem sammajt*
*lill-poplu ta' Patrassu u lilu b'fidi għanejt.*
*B'xhieda ried hu jeħilsek, li b'talbek ma raġġajt*
*ta' qalbu x-xewqa lura, u hekk b'imħabbtek urejt*
*li trid li mewtek tixbah ta' Dak li fejnu tlajt.*[20]

Mill-passaporti tiegħu toħroġ id-dehra ta' bniedem li fittex li jitbiegħed minn Malta għal xi żmien biex jiskopri dinjiet aħjar.[21]

## *Ir-rabta ma' Manwel Dimech*

Il-ħerqa kbira tiegħu għal bidla progressiva fil-gżira rabtitu l-aktar mal-persunalità u mal-fehmiet ta' Manwel Dimech (1860–1921). Minkejja n-nuqqas ta' sigurtà fix-xogħol u l-faqar li għex fih, Mamo jista' jitqies bħala bniedem li ddedika ħajtu għall-kultura tal-poplu. Fiż-żmien li Dimech kien eżiljat Mamo sab impjieg bħala "waiter" f'kamp ta' konċentrament f'Lixandra.[22] Fl-1920 kien jinsab jaħdem mal-Militar fl-uffiċċju ta' l-istess kamp tal-priġunieri fejn kien jinsab il-patrijott Malti.[23]

Il-qima li kellu lejn Dimech tidher minn għadd ta' eżempji. Darba Mamo mar iżur lil ħabibu u sabu flimkien ma' martu mal-mejda ta' l-ikel, it-tnejn iħarsu lejn xulxin. Dimech qallu li kulma kellhom x'jieklu dik in-nhar kienu basla u biċċa ħobż, u li kienu se jħalluhom għat-tfal. Meta ra hekk, Mamo li nzerta kellu xi flus fil-but tah żewġ xelini.[24] Fir-rumanz ta' Mamo, Dimech hu ppreżentat f'dawl tajjeb (XVI), waqt li d-Dimechjani huma msejħin "iż-żerriegħa ta' Malta Ġdida" (XVIII).

Ix-Xirka ta' Dimech hi meqjusa minn Mamo bħala għaqda li taqbel għal kollox max-xewqat tiegħu ta' qawmien intellettwali u soċjali. F'poeżija miktuba fil-Kajr fit-8 ta' Frar 1914 Mamo jsellem lil dan il-moviment u jara fih it-tama tal-poplu. L-influwenza ta' Dimech tinħass sewwa fil-fehmiet u fil-lingwaġġ:

*Fittxu fittxu isaw infetħu*
*Ja tad-dawl wisq kbar bibien,*
*Għal dik Malta li sa llum*
*Marru n-nies ħżiena ħallewha*
*Ta' żeblih, tkasbir mitlufa*
*F'baħar kbir minn ta' telfien,*
*Għaliex b'ħażen ta' wiċċ b'ieħor,*
*Ja ħajnin! fix-xejn raddewha;*
*U għal dawk l-imsejkna wliedha;*
*Illi 'l dan t'issa ġdid żmien,*
*Kien wisq kbir il-għajb minn tagħha,*
*Li qatt, qatt, qatt ma fettxewha!*
*Taħt id-dell tad-dlamijiet*
*Fl-akbar ngħas kienu mgħaddsin*
*Sa ma sabu dawka rwieħhom*
*Wisq magħfusa u maħqurin.*[25]

Xi kitbiet tiegħu ta' l-1914 mibgħutin mill-Kajr biex jixxandru f'"Il-Bandiera tal-Maltin" iseddqu l-ħerqa tiegħu li jara lill-Maltin jilħqu lil ġnus oħra u s-sogħba tiegħu li l-Maltin għadhom agħar minn ħaddieħor: "Minn hawn l-Eġittu ... nittama li jsir xi ġid fost il-poplu Malti svinturat.... Sejrin nitkellmu fuq id-drawwiet tajba (morali) ta' l-Għarab masrin, biex il-poplu Malti forsi jiġi fiha, jistħi, idaħħal f'rasu u jitgħallem; u hekk għallinqas ... ma jibqax mill-agħar popli tad-dinja.... Araw l-aħwa ħuti Maltin kif għallavolja f'belt il-Għarab ... il-Kajr ... għandek issib fost dawn il-Għarab il-morali.... Dan huwa ġej minn żewġ ħwejjeġ: l-ewwelnett għax din il-belt hija internazzjonali, u fiha minn kull ġens ta' nies, ta' Ewropin, u għalhekk l-idejat ... u l-edukazzjoni (li huma ta' l-Ewropa ċivilizzata) minnhom huma miż-rugħin fost il-poplu. It-tieni, il-għaliex il-Għarab ... għandhom morali tajba fihom infushom.... Mela l-Għarab huma edukati iżjed mill-Maltin ta' Malta! X'għarukaża! X'mistħija!"[26]

F'kitba oħra juri s-sogħba tiegħu li "l-Għarab igħaddu fid-dawl 'il-Maltin! Il-Malti ... li jasal hawn f'dina l-art tal-Fargħunin donnu bla

moħħ.... Tgħidx ma għadx ifeġġ dak il-jum sabiħ u minn tant qlub nobbli mistenni, dak il-jum li huwa l-ideali tiegħek u tax-Xirka minnek fost tant taħbit imwaqqfa? Jiġi, jiġi, iva, jiġi dak il-jum, jiġi l-jum li fih il-Malti jkun jista' jiġri mad-dinja kollha, bla ma jsib min iħares lejh, jurih b'sebgħu u jidħak.... Pax tecum, amice, u hena għal Malta dejjem!'"[27] L-esperjenza tiegħu fil-Kajr hi meħuda bħala eżempju tal-fejda ta' l-ideali ta' Dimech; jinħass ċar l-isforz tiegħu biex igħaqqad il-kawża tal-Maltin fil-gżira mal-kawża tal-Maltin imsefrin: "Inxandru l-ħaqq u d-drittijiet tagħna nfusna, inħollu l-ktajjen minn saqajna u idejna li fid-dlam rabtulna, nitfgħu żennuna tal-ġid fuqna mill-gelgul kbir li nieżel fuq l-oħrajn barranin!.... Aħna, li nippretendu li aħna tassew aħwa tagħkom, avolja ninsabu fil-ġewwieni ta' l-Eġittu, ma nerfgħux spallejna bħalma għamlu bosta, imma bqajna u nibqgħu nxandru bil-fomm u bil-kitba s-sewwa għall-ġid tal-maħbuba patrija Maltija!"[28] Il-biża tiegħu hu li f'għajnejn id-dinja l-Maltin jidhru bħala poplu nieqes miċ-ċiviltà: "La tħallux li n-nies ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika ta' Fuq, imħabba xi nies ... igħadduna bħala slavaġ ta' l-Ewropa — kif diġà' qegħdin jagħmlu, għax inkella mbagħad ikun jistħoqqilna tassew! Attenti!"[29]

L-aqwa xhieda ta' din ir-rabta bejn it-tnejn toħroġ mill-ittri li għaddew bejn Salvu Astarita u Mamo dwar Dimech fl-aħħar żmien ta' ħajtu. Dawn l-ittri, ikkwotati minn Ġeraldu Azzopardi,[30] huma kitba li tixħet dawl qawwi fuq il-karattru ta' Mamo nnifsu.

L-ewwel ittra ta' Mamo (19/11/1920) minn Lixandra fost ħwejjeġ oħra tgħid: "Għandek tirċievi x-xbiha tagħna u magħha poema miktuba mix-xiħ adattata għax-xbiha. Dak ta' bil-wieqfa, fuq il-lemin, bin-nuċċali, huwa Duttur Tork jismu Ħaġġi. L-ieħor, il-wieqaf żagħżugħ, huwa Fewzy, tista' tgħid li kien qiegħed iżomm il-qalila bokka ta' l-infern, jisimha Dardanelli."[31] It-tieni ittra minn Lixandra (24/11/1920) turi l-ħerqa tiegħu dwar is-saħħa ta' Dimech u l-qagħda li kien fiha: "L-għażiż missierna, ħabibna, ħuna Dimech wara l-ewwel ittra li bgħattlek jinsab f'pożizzjoni kerha.... Il-priġunieri kollha bagħtuhom, ħallew ftit morda. Lilu ma bagħtuhx bħall-oħrajn, ħallewh qalb il-morda, marid bħalhom, bil-ġuħ, bil-għali, bl-inkwiet, fost il-qamel, it-tbatija u qiegħed ibati u jsofri magħhom. Saqajh spiċċawlu. Driegħu iebes u għajnuna ta' ħadd. Kif! Hekk sejrin inħalluh, nibqgħu bla ma naqbżu għalih? Ma naqbżux għal min qabeż għall-ġid tagħna? Inħalluh imut ġo dad-deżert mimli qamel u bil-ġuħ?.... Hemm bżonn li jitlob għalih l-istess Sciberras bħala rappreżentant tal-poplu. Dimech ħadem għal dak li ħadem Sciberras.... Issa hu l-waqt, altrimenti spiċċa Dimech u spiċċa

kollox. Il-ftit ramel fuq qabru sejjer jirbħu wara l-ġid kollu li għamel.... Fid-dwejjaq tiegħu qabad lapis u ħażżeż xi żewġ poeżijiet lilkom b'tifkira, b'dik il-fehma ta' qabel mewtu. Isa, kuraġġ, għażiż ħija. Alla jgħinkom."[32]

It-tielet ittra (17/2/1921) tissokta turi l-qagħda gravi ta' Dimech: "Ma kellix aħbarijiet tajbin x'nibgħatlek, ħlief li dejjem sejjer għall-agħar ... ninsab imħabbat wisq bl-affarijiet tiegħu ... lilu bagħtuh fi sptar Indjan.... Meta mmur jien, tajjeb ħażin ikollu jara kif jagħmel u bil-ftit saħħa li fadallu f'idu l-waħda jnewwel għal ħalqu ... Jien ftit ġranet oħra fadalli naħdem hawn. U mbagħad, imbagħad.... Ibgħat lil kull ġurnal ta' l-Ewropa, speċjalment Ingliżi biex nuru din l-inkwiżizzjoni, forsi nilħqu nsalvawh.... Iktbu fil-ġurnali Maltin u fiehmu lill-poplu x'inhu jiġri. Iktibli u f'ġieh is-Sema la ddumx."[33] Ir-raba' ittra (28/2/1921) ittenni x-xewqa ta' Dimech li jsib solidarjetà minn għadd ta' Maltin: "Dimech ħaġa waħda jitlob: dimostrazzjoni quddiem il-palazz, imqar mill-ħbieb biss.... Il-priġunieri ta' kull kulur ġew illiberati, il-kamp għalaq, ma sabux fejn jibagħtuh, bagħtuh f'maqjel Indjan biex itemmulu ħajtu; insalvawh.... Kelma waħda ta' rġiel: għal Dimech m'hemm l-ebda speranza għajr fikom. Sal-barranin jibkuh; salvawh. Il-Gvernatur, il-Gvernatur ta' Malta qiegħed iżomm kollox."[34]

F'dan l-istess żmien Mamo baqa' jikteb minn Lixandra fil-ġurnali. Bħal drabi oħra l-fehmiet tiegħu huma mqanqlin mir-rabta ma' Malta, mill-paragun bejn il-ħajja barranija u l-għajxien fil-gżira, u mix-xewqa li jseħħ il-qawmien Malti: "Fiż-żmien li aħna fih Malta mitfugħa fuq ħwejjeġ li ma jagħmlu ebda ġid għall-ħajja. Hija mitfugħa u aljenata fuq il-partiti ta' l-għira, baned żejda, logħob barrani, tiġrijiet bla fejda.... U b'danakollu aħna naħsbu li b'dan it-tqanżiħ inkunu qegħdin nagħmlu kummerċ bejnietna nfusna u nġibu l-ġid u r-riżq."[35] Bħala Dimechjan kellu jitħasseb dwar l-emigrazzjoni, kif wera aħjar fir-rumanz. Għal raġunijiet magħrufa, fosthom ir-rabta tiegħu ma' Dimech, il-ġemgħa Maltija ta' l-Eġittu laqtet ħsiebu l-aktar: "Il-Maltin li qegħdin jiġu hawn fl-Eġittu huma bil-wisq, u bħalma qegħdin jiġu hawn, kif naħsbu aħna, qegħdin ukoll jixxerrdu f'pajjiżi oħra ma' l-erba' parti tad-dinja. Issa, jekk f'dan it-tixrid fi bnadijiet oħra qiegħed jiġri bħalma jiġri hawn, il-belliegħa ... tista' tissejjaħ waħxija.... Intom, o nies ta' l-hekk imsejjaħ Kumitat ta' l-Emigrazzjoni, wara li l-ewwel ħajjartu lil ħutna għall-ħruġ minn Malta tagħhom, u dewwaqtuhom il-ħlusija tal-barrani, ... għaliex, għallinqas qabel joħorġu ma turuhomx it-triqat tas-sewwa u tgħallmuhom l-imħabba għal pajjiżhom?"[36]

Meta miet Dimech, Mamo xandar il-mewt tiegħu b'dan il-kliem mitbugħ fil-gazzetta f'għamla ta' avviż: "Poplu Malti, il-ħabib tal-poplu fqir, il-għaref qatt minsi martri, kbir patrijott Malti Emmanuele Dimech, marbut mar-rieda t'Alla, ħalla dan il-wied tad-dmugħ fit-18 t'April 1921 — Lixandra."[37]

Bħala ġurnalista Mamo baqa' mnebbah mill-fehmiet tad-Dimechjaniżmu, kif jixhdu l-gazzetti "Il-Ljun" u "Il-Fqir Malti", it-tnejn mibdija minn Mamo fl-1922 u fl-1923.[38] L-ideal edukativ ta' dan il-moviment hu mfisser fi kliem ieħor fl-ewwel ħarġa (9/12/1922) ta' "Il-Ljun: "Nistqarru biss li l-fehma tagħna hija li jekk il-poplu għandu għajnejh imbexxqa dan il-ġurnal jibqa' biex jiftaħhomlu beraħ, għal kollox.... Il-ġurnal ikun bħala l-"John Bull" jew ir-"Reynold's Newspaper" ta' Londra; dak li jkollu jgħid igħidu, u ladarba jaħsibha li hu qiegħed fis-sewwa ma jibża' minn ħadd.... U dak li jitlob ikun mill-poplu, bil-poplu u għall-poplu."[39] Fit-tieni paġna ta' l-istess ħarġa xandar *O Ħabib Maħbub minn Tiegħi*, poeżija li Dimech kiteb "b'biċċa lapis" u ddedika lilu "ftit qabel ma għamel it-Titjira l-Kbira". Minbarra li jixħtu dawl fuq ir-rispett li Dimech kellu lejn Mamo, il-versi jseddqu għadd ta' punti: is-solitudni li kien jinsab fiha Dimech u l-qagħda mwiegħra ta' saħħtu, il-mistennija tal-mewt u t-twemmin ta' Dimech f'Alla u fl-eternità:

*O ħabib maħbub minn tiegħi,*
*B'liema ferħ jien kliemek qrajt!*
*Għad li mejjet, mejjet driegħi,*
*Li niktiblek ħsibt u rajt.*

*Kelmtejn biss. Maħbub agħdirni,*
*Nikteb aktar ma nistax;*
*Kollu żejjed jekk tixirni,*
*Għaliex saħħa ma baqax!*

*Jiena l-mewt nistenna qiegħed.*
*Lejja riesqa, ja ħabib.*
*La beżgħan, lanqas imriegħed;*
*Meta tasal lili ssib.*

*Alla miegħek! Jiena miexi*
*Lej' it-triq li mingħajr tmiem.*
*Bewsa nbusek, bl-akbar għożża.*
*La tinsiex tiegħi il-kliem.*[40]

"Il-Fqir Malti", mibdija fid-19 ta' Lulju 1923, hi mimlija kitba dwar il-jeddijiet miċħuda tal-foqra u tal-ħaddiema, dwar is-siwi u l-kobor ta' l-istorja ta' Malta, kif ukoll dwar il-qagħda politika u l-ilsien Malti.

## *L-ideal tal-qawmien bis-saħħa tat-tagħlim*

Il-fehma ċentrali fil-kitba kollha ta' Mamo hi l-ħtieġa kbira li l-poplu jintebah kemm għadu lura, iqabbel lilu nnifsu mad-dinja ta' barra (jiġifieri jrawwem mentalità internazzjonalista) u jaqbad it-triq tat-tagħlim. Il-kuntrast bejn il-progress ta' l-intelliġenza barranija u l-injuranza ta' l-aljenazzjoni Maltija hu sikwit l-għajn tad-diqa tal-kitba tiegħu, imqar jekk darba minnhom, jiġifieri fir-rumanz, dan ir-rimors hu mfisser b'burdata ironika u ċajtiera, u għalhekk spunt ta' traġedja morali nazzjonali hu mbiddel fi spettaklu komiku.

Minkejja l-ftit skola li kellu, Mamo fittex li jitgħallem bosta ħwejjeġ waħdu. Kien iħobb ħafna l-kimika, u ilsna bħal-Latin, il-Grieg, it-Taljan u l-Ingliż. Kellu qima lejn il-kultura Taljana f'dak iż-żmien, u kien iħobb ifittex dwar il-ħxejjex. Kien ukoll midħla tal-qdumijiet u ta' l-arkeoloġija, u rebaħ ukoll il-qima ta' Sir Temi Zammit.[41] Fi żmienu laqat l-attenzjoni wkoll ta' Dun Karm, Karmenu Mifsud Bonnici u Mikiel Anġ Borg,[42] Ġużè Muscat Azzopardi u Laurent Ropa li, fost ħwejjeġ oħra, feraħlu bi kliem li jiġbor il-qofol ta' l-impenn edukativ ta' Mamo: "Continúez à combattre courageusement l'ignorance et cuex qui veulent que votre peuple demeure ignorant afin de l'exploiter."[43]

Bħala kittieb mixgħul bil-ħeġġa biex igħallem lill-kotra, Mamo qies li jdaħħal il-kriterju dinji u li jħares lejn in-nuqqas ta' Malta bħala anakroniżmu, żvantaġġ li jingħeleb biss jekk il-gżira tifhem f'liema żmien qiegħda tgħix u x'inhuma l-livelli milħuqin barra. Is-safar, għal-hekk, hu l-għajn tan-nebha tiegħu f'kuntrast qares ma' l-għajn tal-kundanna tiegħu, il-ħajja lokali. Ir-rumanz stess jidher immexxi mill-ħerqa li kiseb quddiem il-ħwejjeġ li ra, l-aktar fil-kapitali ta' l-Ingilterra u ta' Franza. Mill-bqija, jista' jingħad li l-kitbiet ewlenin tiegħu huma mqanqlin ukoll mill-istess ideal.

Xhieda tal-ħerqa tiegħu biex il-progress kulturali tad-dinja jidħol f'Malta wkoll toħroġ ċara minn erba' ittri li kiteb minn Ruma, Londra u Pariġi fl-1922. Fl-ewwel waħda minn Ruma jisħaq fuq l-illużjoni tal-



UNIVERSITY OF MALTA

Maltin magħluqin fi gżira ċkejkna, fuq l-isfruttament politiku u fuq il-ħtieġa tal-qari: "Poplu Malti, aħseb, immela, li inti hemm f'dik il-gżira, biżżula ta' l-għatxanin qarrieqa, għajn tad-demm għall-kannibali bojod, xini mimlija bl-argużini kiefra u għalqa ta' kull ħażen ħajni qiegħed, meta inti ġo dik gżirtek qiegħed, li minnha qatt ma ħriġt, taħseb li m'hawnx bħalek (bħal dak id-dudu tal-ġobna), taħseb li int biss il-hieni fid-dinja, fil-ħin li m'intix ħlief l-aktar ħlieqa mkasbra, l-iżjed ġens ta' bnedmin imżeblaħ, l-aktar maħqur, l-iżjed mgħakkes u l-aktar imħolli lura f'egħmil il-bniedem! Aqbad f'idejk, o poplu li mċaħħad minn kull jedd; aqbad il-ġurnali u kotba mhux biss ta' Malta, iżda wkoll ta' barra, u agħmel bħan-nies tad-dehen, bħalma qed nara iss'issa hawn b'għajnejja, aqra u aqra u ifhem; jekk żmien għall-qari m'għandekx aqra fit-triq, fil-ħanut, fid-dar, fil-għalqa, sabiex tkun taf x'inhu jsir, x'qegħdin jagħmlu bik, fejn huma jeddijietek u elf ħaġ'oħra!.... Ruma, ja Ruma, fakkar 'il ħuti Maltin fil-għaba ta' Kartaġni, ħalli b'hekk ukoll huma jintebhu bit-telfa dejjemija ta' Trojja, fix-xejn ta' Ninive u fil-midinba Sodoma u Gamorra!"[44]

It-tieni waħda minn Westminster tfisser, fost ħwejjeġ oħra, il-ferħ tiegħu meta fil-'British Museum' lemaħ kotba ta' awturi Maltin: "Fost il-ħwejjeġ li qiegħed indur u nara, dan l-aħħar mort inżur il-'British Museum'. Oh xi ġmiel, x'kobor, x'għana, x'għerf u x'ħannieqa ta' ħwejjeġ sbieħ dan il-Mużew fih! Wara li dort is-swali kollha, tal-qodom ta' Babilonja, ta' l-Assirja, ta' l-Eġittu, tal-Greċja eċċ., qlajt is-sensja għal jumejn biex mort indur il-miktba (il-librerija), dik il-maħżna ta' kotba li tgħaġġeb, mimlija b'kull għerf u faraġ tal-ħajja. Fiha bdejt indur l-awturi mill-aħjar li nista' u ma nafx x'faraġ, x'hena, x'għaxqa f'ruħi ħassejt meta fost dawk il-kbar nara l-ismijiet ta' bosta minn ħutna Maltin! Fosthom insemmilek 'il Ramir Barbaro, 'il Salvu Mamo, 'l Anton Dalli, 'il Manwel Dimech, 'il Castagna, 'il Vassallo, 'il Ġorġ Barbara, 'il Muscat Azzopardi, 'il Muscat Fenech, 'il Caruana, u bosta oħrajn!.... Ħeġġeġ iżda int dejjem, nitolbok, sabiex dawk li jagħmlu xogħlijiet (opri) kbar u sbieħ, miktubin tajjeb u xierqa għal quddiem in-nies, jibagħtu l-kopji tagħhom hawn, biex isem il-Maltin 'il dak il-Mużew ukoll iżejnu! biex ukoll il-Malti juri li għadilli żgħir f'għaddu iżda kbir f'dehnu u f'egħmilu!"[45]

It-tielet ittra minn Westminster hi twiddiba lill-Maltin miftumin mid-dawl ta' l-Ewropa, ħsieb imtenni f'bosta kitbiet oħra tiegħu: "Poplu, minn dak illi jien 'l hawn u 'l hemm naqra, qiegħed nifhem li int, ja poplu, għadek miexi fit-triq illi fiha qabel miexi kont; ta' żmien ilu. F'dik it-triq li ma fiha ebda wixx, ebda ħajr, ebda steħmil, ebda siwi.

F'dik it-triq illi meta poplu bħalek fiha miexi jkun, ikun qiegħed juri li ebda dawl Ewropi f'moħħu ma jkun għad daħal.... Ah, poplu, ja poplu! m'hix hekk! iftaħ għajnejk u la ddumx; imxi 'l quddiem b'mixja qawwija; uri lil ġnus oħra li inti ġens fil-bnedmija daqshom! Tħallix lil bnedmin oħra fuq ktiebhom isawruk fid-dehen, fix-xebh u bl-egħmil mal-bqija ta' l-Afrika grixtija, ma' ta' l-Asja buddija, u mad-drawwiet tal-ħorox Amerikani ħindin."[46]

Ir-raba' ittra minn Pariġi tissuġġerixxi lil Franza bħala mudell li Malta għandha tħares lejh fil-qawmien tagħha: "Maltin, roqgħa mill-pjaneta tagħna li hija baħar ta' għaxqa, ta' għana, ta' kobor, bla ħsieb xejn hija Pariġi! Fejn seta' l-bniedem, bil-għaqal tiegħu, bil-għerf tiegħu wasal huwa muri bil-biċċa art imsejħa Pariġi!.... Meta aħna konna fuq il-gżira Atlantid huma kienu għadhom fix-xejn tagħhom!.... Inqumu mill-għażż tal-bruda, Maltin, u nagħmlu l-gżira maħbuba tagħna Ġenna ta' l-Art! Ġmiel ta' l-Għeden, Ġawhra tal-Baħar il-Ġewwieni, Warda tad-dinja! Inqumu, Maltin, mill-ħedla tal-waħx, u niġru għal dik il-ħeġġa tal-bniedem bin il-għaqal! Inqumu, aħwa Maltin, u nidħlu fis-saltna tal-ħsibijiet, fil-barrieri ta' ġebel ġawhri, fil-għalqa tal-frott; niżirgħu u nsaqqu sabiex naħsdu u nieklu, jekk irridu fuq saqajna nieqfu nibqgħu u 'l għajnejna bil-ġmiel inpaxxu, u 'l qalbna bil-ferħ u l-hena nferrħu! Inqumu għad-dehen li jmexxina għas-sabiħ, it-tajjeb u l-meħtieġ, u hekk, jekk ma ngħaddux 'il dawn ta' Pariġi (Franzin) għallinqas fid-daqs tagħhom niġu. Alla magħna! Nisaw!"[47]

Il-ħruġ tal-ktieb *Ġabra ta' Sigrieti*, waqt li jissokta jixħet dawl fuq il-karattru avventurier tiegħu, hu wkoll imnebbah mill-fehma li jgħallem. Lil hinn mill-konsiderazzjoni tal-fejda tal-kontenut, il-ktieb kellu għallinqas l-għan li jqanqal l-interess, il-ħidma fost il-kotra li tista' tfittex għaliha nnifisha, 'il barra mill-opportunitajiet uffiċjali nieqsa, it-triq tax-xorti b'ħilitha: "Għamilt mill-aħjar biex nagħni 'l dal-ktejjeb bi ħwejjeġ sbieħ, siewja u tajbin, u b'hekk il-poplu jitgħallem u jikseb."[48] F'kitbiet oħrajn jissokta jixref dan l-aspett ta' kurżità u ħeġġa għall-għarfien fil-persunalità tiegħu, aspett li xtaq jimla lill-pajjiż bih. Żewġ siltiet minn ittri fil-ġurnali jixhdu tajjeb dan il-punt: (a) "Irġiel bħal dan Malta teħtieġ; għalliema bla ħsieb qerqi, għalliema ta' wlied il-poplu, ta' dak il-poplu li għandu bżonn tassew tagħlim;"[49] (b) "... meta kont tifel ta' spiss kont noqgħod nittawwallu miż-żgieġ narah jaħdem l-arloġġi fi Triq Brittanika, Ħal Luqa, qrib darna."[50]

Anki fil-poeżija tiegħu sabet espressjoni din il-ħrara għal Malta edukata u mdawla bis-saħħa ta' l-għarfien tagħha nnifisha skond il-kriterji tad-dinja. Il-patrijottiżmu attiv tiegħu hu sewwasew l-anti-

patrijottiżmu, il-kritika tas-soċjetà li ma tistax tinfeda qabel ma tifhem id-dnub tagħha. Dan l-internazzjonaliżmu (li jixħet dawl pożitiv ħafna fuqu, l-iżjed f'epoka meta fl-Ewropa trawmu l-estremiżmi kontra l-"barrani" li wasslu għall-Faxxiżmu u għan-Nażiżmu) hu x-xeħta l-iżjed oriġinali tas-sehem tiegħu. Malta hi "l-aħħar", il-post "fejn hemm id-dlam, jew dawl b'mitt sena lura wara ħaddieħor" (XIX), waqt li l-barranin imxew ħafna 'l quddiem; din hi l-għajn tan-nervożiżmu tiegħu li, waqt li fir-rumanz u f'kitbiet oħrajn jinħall f'satira u f'kundanna ħarxa kontra l-ħakkiema u l-maħkumin, f'xi versi jieħu s-sura ta' innu li jistieden:

*'Il quddiem, Maltin, qlubija!*
*'Il quddiem, bla biża' xejn!*
*'Il quddiem b'qalb waħda niġru*
*Għat-tagħlim! Da' l-biża' għalfejn?*

. . .

*'Il quddiem, Maltin, immela,*
*Biex inlaħħqu mal-Barran;*
*Kull min ġera għad-dawl bikri*
*F'din id-dinja sar setgħan.*

*Minn ta' l-ewwel qis li nkunu,*
*U quddiem il-quddemin!*
*Armaw, l-aħwa, għax inkella*
*Nibqgħu l-aħħar, ja Maltin.*

. . .

*'Il quddiem, Maltin, immela;*
*Ma nibqgħux iżjed bħall-ħmir;*
*X'ġejna ħadna bid-dlam fina*
*Għajr l-irbit, il-ġuħ, ċanfir?*[51]

Dan il-programm ta' tixrid ta' l-edukazzjoni ssokta bil-ħruġ tal-ktieb *Obstetricia Illustrata*, xogħol bil-Malti u bl-Ingliż dwar it-tqala u t-twelid, b'għażla ta' stampi. Ix-xewqa ta' Mamo, imqanqla mill-preġudizzji u min-nuqqas ta' edukazzjoni ta' madwaru, kienet li jagħti tagħlim ħafif u importanti bil-Malti lill-kotra li ma setgħetx titgħallem mod ieħor u wisq inqas issib dan it-tagħrif bl-ilsien tagħha, kif jidher minn silta fid-daħla: "Ġbartu u dammejtu għal żewġ ħsibijiet. L-ewwel ħsieb huwa biex dawk it-tobba żgħażagħ, qwiebel (majjistri), dilettanti

jew studjużi fl-Ostitriċija, isibu xi għajnuna mill-inċiżjonijiet eżawriti ta' mgħallmin kbar tobba ta' l-imgħoddi u jagħarfu safejn dan il-għerf kien wasal f'dak iż-żmien; b'hekk minnhom (mill-inċiżjonijiet) jaraw xi ħaġa li tinħtiġilhom għaż-żieda ta' tagħlimhom.... It-tieni ħsieb huwa biex l-ommijiet u l-missirijiet, il-poplu, xjeref, minn dan il-werrej jitgħallmu xi ħaġa li twetihom bi ħsieb għal nitfa għajnuna ta' x'jista' jinqala' fil-familja, b'mod li ma jibqgħux hekk egħrieb, sajmin, injuranti, fil-ħwejjeġ naturali, li ħdejn popli oħra ta' barra huma tassew għajb; għajb mill-kbar!... din il-għajbana injuranza tagħhom li hi ħmieġ fin-nazzjon."[52]

L-impenn edukativ tiegħu hu wkoll l-għan li wasslu jwaqqaf dik li hu sejħilha "Dar Ħruġ il-Kotba Meħtiġin", f'ismu u bl-indirizz tiegħu (51 Triq Azzopardi, il-Marsa). Dwar din l-għamla ta' dar editriċi, kif sejħilha, kiteb hekk fl-1934: "Aħna l-Maltin qatt ma kellna kotba ta' l-għamla ta' dan il-ktieb (u li joħorġu lesti) u għalhekk għad fadal kotra mill-poplu li għadha tistagħġeb minn bosta xorti.... Dawn il-kotba jiftħu l-moħħ, igħallmuk tagħmel bosta ħwejjeġ.... Tara int li meta l-Malti jiġi biex jagħmel xi ħaġa, imqar industrija l-aktar żgħira, jiġu l-barranin juruh. Għaliex? Għax dawk ikunu jafu perfettament din jew dik ir-riċetta u l-Malti ma jafx. Sa llum ma jimpurtax għax konna nafu inqas minn ħaddieħor. Għaldaqshekk, mela aħna bħala Dar-Ħruġ-il-Kotba (Ditta Editriċi) mil-lum 'il quddiem u minn żmien għal żmien sejrin nibqgħu noħorġu kotba lesti ta' din ix-xorta, kotba li minnhom titgħallem."[53] Fl-aħħar paġni ta' *Obstetricia Illustrata* Mamo jsemmi kotba oħrajn li kellhom joħorġu fi żmien qasir, fosthom *Dizzjunarju Malti–Ingliż — Ingliż–Malti, Ġrajja Maltija jew Żewġ Tużżani Nuvelli, Safar Tiegħi, It-Tabib tad-Dar, Kif Tfejjaq Tnax-il Marda, Ktieb il-Ħxejjex li Jfejqu, Min Iġġieled għall-Ilsien Malti, Egħmejjel ta' Barra minn Hawn, Is-saħħar bil-Bużullotti.*[54]

Kien ukoll f'dan iż-żmien li Ġużè Bonniċi (1907–1940) fittex li jxerred il-kultura bil-Malti għallinqas fi tliet oqsma: in-narrativa, it-tagħlim ġenerali u l-poeżija maħruġin minnu bħala l-editur tal-"Ġabra ta' Kitba Maltija" mibdija fl-1938. Fl-1932 kien ħareġ diġa' x-xogħol tiegħu stess *It-Trobbija tat-Tfal*, u fl-1939, is-sena meta deher il-ktieb imsemmi ta' Mamo dwar it-tqala, xandar *Il-Ġmiel ta' Ġisimna,* xogħol li deher għall-ewwel darba f'sensiela f'"Il-Berqa" bl-isem ta' "Tagħlim fuq is-Saħħa" bejn Novembru 1937 u Mejju 1938. Il-ħidma ta' Bonniċi u ta' Mamo tidħol fi kwadru wieħed mibdi żmien qabel minn Alfons Marija Galea (1861–1941), editur tal-kotba tal-Mogħdija taż-Żmien bejn l-1899 u l-1915. Il-kwadru kollu, għalhekk, jippreżenta tliet xejriet ta' tixrid kulturali: il-fil ta' tagħlim reliġjuż, istruttiv u ġenerali (Galea), il-fil ta'

tagħlim xjentifiku u letterarju (Bonniċi), u l-fil ta' tagħlim popolari ġenerali (Mamo).

## *Il-fehmiet ewlenin ta' Mamo*

Il-kitbiet kotrana tiegħu fuq il-ġurnali, imqar jekk neqsin minn xeħta intellettwali xierqa, huma lkoll thejjija ħafifa u ħerqana għar-rumanz jew żviluppi ta' l-istess fehmiet imfissra fih. Minnhom tista' tinsilet damma ta' ideat li jippreżentawh dejjem bħala riformatur soċjali li jara fil-kultura l-muftieħ tal-bidla.

L-idea ewlenija hi l-ħtieġa li l-ħaddiema jaraw id-dawl li jwassal għall-emanċipazzjoni tal-moħħ u ta' l-għajxien. Hi x-xewqa, imxerrda ħafna minn Dimech, li Mamo jtenniha bosta drabi: "Aħna ma noboghdu 'l ħadd, aħna nħobbu 'l kulħadd, basta iżda naraw li s-sewwa jinħatar u jsir ... basta iżda t-tajjeb, il-meħtieġ u x-xieraq jintagħmlu b'mod liema bħalu għall-ġid tal-ħaddiem, għar-riżq ta' dak il-ħaddiem li s'issa ilu mjassar, li s'issa demmu ġie mixrub, li s'issa wliedu u martu le xebgħana raqdu, li s'issa kulħadd bil-ħatar fuq dahru jkisser u jagħti, li s'issa bosta b'ismu nqdew."[55] Il-ġlieda tiegħu b'riżq il-"poplu ħaddiem mgħakkes ... fil-faqar imgħawwem, li b'għafiet il-ġuħ jittewweb,"[56] xi drabi twasslu biex jeħodha kontra l-aljenazzjonijiet, bħall-Karnival, li jistgħu jnessu l-problema: "Xidd il-maskra, ja poplu, għal tlitt ijiem biss u la tistħix l-għaliex dawk li l-ġid iridulek hekk għallmuk tagħmel billi s-sena kollha kemm hi twila f'wiċċhom qiegħda."[57] F'argument ma' Karmenu Mifsud Bonniċi (il-Gross) Mamo stqarr: "Fehma oħra wkoll għandi ... li nagħmel ġid kemm niflaħ bla biża' ta' ħadd u minn ħadd lil ħuti ħaddiema Maltin, lill-għaqda tal-ħaddiema."[58]

Bħala mezz għal din l-emanċipazzjoni Mamo jara l-għaqda tal-ħaddiema bejniethom: "F'għaqda waħda għandek tkun imgħaqqad ... din l-għaqda m'hix ħlief dik tal-Ħaddemin, ta' l-Imdawlin, tal-Meħlusin."[59] Din l-għaqda, fl-ispirtu Dimechjan, kellha tkun tassew nazzjonali, 'il barra mill-partiti: "Jiena, meta nkun nitkellem minn ħaddiema, inkun qiegħed nemmen u nittama, naħseb u nifhem mill-ħaddiema ta' Malta kollha! dak l-imċewlaħ ta' ħaddiem, dak l-imkasbar ta' ħaddiem, dak l-imġewwaħ, l-imkagħbar, l-imċaħħad, il-merdugħ ta' ħaddiem! Dawk is-serbut ta' tallaba li fihom ħadd u ħadd ma jaħseb; dawk l-eżerċiti ta' tallaba li bihom Malta mimlija u li lilha u lilna (bla moħħ) għajb mal-barranin jagħmlu qegħdin!"[60]

Biex jasal għal din l-għaqda nazzjonali tal-ħaddiema Mamo ddefinixxa lilu nnifsu f'dan id-dawl ukoll: "Jien la jien Stricklandjan, la jien Mizzjan, la jien Panzavecchjan, u lanqas ma jien Labour-Partijist! Le!

Jiena huwa dak li m'għandu x'jaqsam ma' ħadd; jien hu (hekk naħseb għallinqas) il-meħlus minn kull xibka, minn kull dejl. Jien hu dak li bi kliem Malti–Taljanizzat intom issejħulu l-veru indipendent! Ara kemm hu hekk, qalil biex issibli li fil-ħażen faħħart 'il xi wieħed minn dawk ir-rjus, iżda bil-maqlub u jkun 'il min ikun minnhom skond il-fehma tiegħi. Il-fehma tiegħi m'hix ħaġ'oħra ħlief li nkun meħlus biex il-qerq ta' partit u x-xewqat għallieba (passjoni) ma nħallihomx lili jagħalbu."[61]

Din il-kawża setgħet isseħħ bis-saħħa tat-tagħlim, waqt li l-aqwa għodda għall-edukazzjoni hi l-ilsien Malti. Dan ukoll kien wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ħsieb ta' Dimech li seħaq fuqu kemm fis-"Sisien" tax-Xirka tiegħu,[62] u kemm f'"Il-Bandiera tal-Maltin". Sa mill-1899 Dimech wera li kellu idea ċara dwar x'kien meħtieġ għall-iżvilupp tal-lingwa: "Għaliex mela ma niftehmux ftit, Maltin, għaliex ma nifformawx Xirka tal-Kittieba Maltin, xi ħaġa bħal Akkademja, biex tieħu ħsieb din il-ħaġa, biex tnaddaf, tagħni u xxerred l-ilsien Malti, u xxerred kemm kotba Maltin tista', mhux biss ma' l-artijiet ta' Malta u Għawdex, imma ma' dawk l-artijiet kollha li fihom il-Maltin?... Jekk din ix-xirka tifforma ruħha, l-ewwel ħsieb tagħha għandu jkun li hi toħloq alfabett sewwa."[63]

Dimech baqa' jiftakar fil-ħidma tiegħu għall-ilsien Malti sa l-aħħar ta' ħajtu, kif stqarr f'ittra miktuba għall-ħabta ta' Novembru 1920 lil Salvu Astarita fejn, fost ħwejjeġ oħra, sostna li kien hu l-ewwel wieħed li tkellem dwar l-alfabett Malti u dwar l-għaqda tal-kittieba Maltin.[64]

Għalhekk ukoll Mamo wera ħeġġa kbira għal-lingwa u ma ra ebda firda bejn il-progress tagħha u l-fidwa soċjali u kulturali: "Fehma oħra għandi, u din m'hix ħaġ'oħra ħlief li naqbeż biż-żgħira ħilti kollha, b'dehni kollu, b'ruħi kollha, b'egħmili kollu, bi lsieni, b'idejja, b'ħeġġti u b'kulma fija għal dak il-lsien li lilek, lili, u lil kemm -il Malti, li Malti jissejjaħ jista', bih ommna lkoll l-ewwel darba kellmet! għal dak il-lsien li bih Maltin nissejħu nistgħu!"[65] L-għarfien ta' ilsna oħrajn m'għandux iħalli barra lill-ilsien tal-pajjiż, anzi dan għandu jieħu l-ewwel post: "Nitgħallmu l-Ingliż, il-Franċiż, l-Italjan, il-Ġermaniż, u mijiet ta' ilsna, jekk nistgħu; iżda qabel u fost kollox nitgħallmu lsienna l-ewwel, dak il-lsien art twelidna, għall-imħabba ta'Artna! Ġuda huwa dak li jiċħdu!"[66]

It-tqanqil ta' kuxjenza ħajja fost il-ħaddiema, l-għaqda bejniethom fuq livell nazzjonali u t-tħaddim tal-Malti bħala strument ta' edukazzjoni: dawn it-tliet fehmiet huma minsuġin flimkien bħala xhieda li, skond Mamo, m'hemmx qawmien soċjali mingħajr għarfien kulturali, u li l-progress kulturali minnu nnifsu jwassal għal emanċipazzjoni soċjali.



Ġwann Mamo (lemin) u Manwel Dimech f'Lixandra fl-1920



Ritratt ta' Mamo fil-passaport nru. 131 maħruġ f'Lixandra fl-1921




Mamo u l-firma tiegħu fil-passaport nru. 7271 maħruġ f'Malta fl-1930




Il-qoxra (ta' A. Gerada) ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (1930)




*Obstetricia Illustrata* (1939)



*Jecc tuaddab il dal ctieb fil koffa ta l'imbarazz, allura akbad il dil koffa b'collox u mur leghda il Bank.*

# GIABRA ta SIGRIETI

## Ta Xebh-is-Sharijet, ta Misteri, ta Curzitá, ta Arti u Industria, u Ricetti-Formuli ta l'Acbar Htiegia

MINN

JUAN MAMO

*Giabra ta fuk il 180 Sigrieti, Ricetti, Formuli u Processi, curjuzi u mehtegin, li xi uahda minnhom tista' tisuielec mitkilha deheb.*

*Sigrieti li bihom tghaggeb lil kbiebec jeu eghdeuua, inchella ghal xi htiegia, mig'burin minn cotba kodma, giodda, u misturin, li min chien jafhom xi mitt sena ilu chienu jghodduh b'sahhar. Sigrieti bhal chif tiecol in-nar, chif thabbar it-tempijiet, chif taghmel ras hajja maktugha titkàndal f'l-ajru, chif turi uicc il mejjet u jargia' jisparixxi, ecc. U Tuzzuni ta Sigrieti ohra maghzulin, ta Arti u Mestieri, ta Industria u Snajja, u ta Ricetti Mehtegin fil Mard—Imitazzionijet perfetti ta Deheb u Fidda, cunzi ta tabacc, ibbalzmar, huejjeg artificiali ta industria, contra is-sacra u it-tipjip, tnebbih-il-mard, ecc.*

*Huma Tezor fil Mohh ghal Nies Ghaklin;—F'idejn tajbin jisuau mitkilhom deheb;—Jecc niehed biss minnhom jolktoc, jisuielec mitt darba izjed milli tonfok.*

*La tkejjisx il dal ctieb mill kaxxa tieghu, imma minn x'hemm gio fih: Sigrieti minn cotba ta sitt ta liri.*

*Jimbiegh—llec NOFS LIRA—ZEUG XILINI biss.*

*Proprieta' Letteraria.* *Malta 1934.*

*Ġabra ta' Sigrieti* (1934)




L-armi tal-kunjomijiet Ellul u Micallef, xogħol ipproċessat minn Mamo u mpinġi minn J. F. Sant



Mamo fl-1936 — pittura ta' Joseph Duca



CAMILLA DARBOIS

LIL CAMILLA DARBOIS

*Lil Camilla Darbois*, versi ta' Lwiġi Rosato, ikkupjati minn Ġwann Mamo fl-1938



X' ittratta mal Gvern

GAUDENZIO EBEJER

RIGUARD IL PROGETT TIGHU

DAN IL CTIEB SAR

GHAS SODISFAZIÓN TAL POPLU

ta Malta u Ghaudex

Tip. Litogr. Mirabitur & Co.

*X'Ittratta mal-Gvern Gaudenzio Ebejer Rigward il-Proġett Tiegħu* (1927), ktieb dwar il-proġett li nebbaħ ħafna lil Mamo fil-kitba tar-rumanz



Mamo fl-1939, ritratt iffirmat imxandar f'*Obstetricia Illustrata*

# II. ULIED IN-NANNA VENUT FL-AMERKA

## *Il-mixja lejn il-letteratura*

Bħala kittieb tal-versi Mamo jidħol fil-ġemgħa ta' qabbiela, jew versifikaturi mirquma u poeti minuri, li mlew il-ġurnali u l-almanakki u r-rivisti ta' l-ewwel egħxieren ta' snin tas-seklu għoxrin b'kontenuti ħfief li jvarjaw mis-satira politika għall-innu reliġjuż, u jaslu għat-temi l-iżjed naturali u komuni tal-ħsieb tradizzjonali Malti, bħall-imħabba tal-familja u ta' l-ambjent, in-nostalġija u s-sentimenti l-aktar tipiċi. L-għan tagħhom kien li, bis-saħħa tal-kixfa kulturali ta' l-ilsien Malti, jikkomunikaw mal-kotra inqas edukata, u xi drabi jfittxu li jtellgħu l-livell ta' din il-komunikazzjoni, jorqmu l-kelma letterarja, u jfasslu pjan ta' tagħlim popolari li seta' jintlaħaq l-aħjar bil-forma versifikata.

Din il-ħażna ta' versi hi aktar l-espressjoni tal-komunità, it-tfissir "letterarju" tas-sentimenti ta' kotra sħiħa, milli l-opra ta' persunalitajiet magħmula u oriġinali. Fl-apprezzament ta' din il-ħażna hu meħtieġ l-istudju tad-distanza li hemm bejn l-għan edukativ u l-għan letterarju; hu meħtieġ ukoll l-istudju tal-ħakma ta' l-ewwel għan (bħala kontenut) fuq it-tieni wieħed (bħala forma).

Hawn jidħlu ismijiet bħal Feliċ Buhagiar, Giov. Carabez, A.F. Serge, Salvu Agius, Vincenzo Busuttil, Dun Ġużepp Farrugia, Dwardu Cachia, Anton Muscat Fenech, Guliermu Arena, Ġanni Sapiano Lanzon, Manwel Dimech, Carlo Satariano, Ġużè Orlando, Dun Pietru Pawl Grima, Ġużè Muscat Azzopardi, Ġużeppi Belli, Turu Vassallo, Ġużè Pesci u Nikol Biancardi. Fost dawn hemm uħud, bħal Muscat Azzopardi, Vassallo, Biancardi, Cachia, Pesci u Orlando, li xi drabi jixhdu minnufih l-għan letterarju tagħhom.

Fl-isforzi tiegħu fil-versi Mamo jfittex f'xi waqtiet li jiżvolġi hu wkoll għamla ta' poeżija ħafifa li tinqeda bil-mużikalità, tinqata' mill-burdata ta' kulma hu satiriku, ġelliedi u grottesk, u tfisser sentimenti ta' bixra lirika li jistgħu jidħlu fil-kategorija ta' kulma tqies skond il-konvenzjoni bħala poetiku u mnebbaħ:

*Oh! xi ġmiel ta' ħolqien tara*
*L-għajn tal-moħħ ta' min jixtieq*
*Jilmaħ, jifhem u bil-ħrara*
*Jitgħaxxaq bi ħwejjeġ kbar,*
*Li bil-għaġeb minnhom fihom*
*Jagħtu ġieh lill-Kbir Ħallieq,*
*Għax kull ħaġa għandha l-għaġeb;*
*'Kk le fhimnieha għax wisq żgħar!*
*Int Mulejja bid-d'hen ħlaqtni*
*Fost kemm ħlejjaq f'dan l-għammieq,*
*B'qalbi kollha rrid inqimek,*
*U ġieh nagħti lejl u nhar!*[67]

F'dawn il-waqtiet, li bħalhom hemm oħrajn fil-kitba tiegħu, Mamo hu mbiegħed ħafna mix-xejriet imgħaddba u kritiċi li jikkaratterizzawh l-aktar,[68] iżda dan il-fil poetiku-reliġjuż jista' jinqara fih dejjem, imqar jekk moħbi u mbiddel f'għamliet differenti ħafna.

## *It-traġedja nazzjonali maħlula f'farsa soċjali*

Iż-żwieġ bejn l-għan istruttiv u l-ħila letterarja aktarx iseħħ tajjeb biss f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, xogħol miktub fil-Marsa u mxandar bejn id-19 ta' Frar 1930 u l-1 ta' Ottubru 1931. Hu xogħol li l-awtur sejjaħlu "satiriku-deskrittiv, semi-pulitiku ta' żminijietna", xejriet li jgħaqqdu flimkien, fi ħdan binja narrativa waħda, l-interessi mżewqin tiegħu mfissrin skond il-metodu li għażel: it-tpinġija tal-fatti u tal-persuni u tal-qagħdiet l-iżjed tipiċi ta' l-ambjent veru u qarib. It-tifsira li hu nnifsu jagħti lill-qoxra ta' l-ewwel ħarġa tar-rumanz, impinġija minn sieħbu Alfred Gerada, turi l-universalità li xtaq jilħaq fir-rakkont: "Dak li qiegħed fuq il-lemin tal-faċċata huwa l-awtur tal-ktieb, qed jagħti l-aħħar daqqa ta' pinzell lill-isem ta' l-istess ktieb. Dak il-Mostru li qiegħed in-naħa l-oħra huwa marbut bil-ħadid, ifisser li kull kruha, qerq u ħażen huma lkoll marbutin: huwa l-għadu ħajjen marbut. Dawk li qegħdin isfel iħarsu huma simboli għall-poplu miġbur f'sebgħa. Il-Mara hi l-poplu tan-Nisa; tal-Martell ifisser il-Ħaddiema; ta' ma' ġenbu (bin-nuċċali) ifisser il-Professjonisti; l-ieħor tan-nofs (tal-qargħa) ifisser l-Għerf, ix-Xjenza; il-Patri jfisser l-Ekkleżjastiċi; l-ieħor (ta' bla moħħ, moħħu kollu xagħar) ifisser dak il-poplu li baqa' injurant; u fl-aħħar, dak tal-ġenb (tal-kappell kbir) ifisser l-Arti, l-Artist."[69]

Dan il-għan jintlaħaq billi l-awtur ma jħalli lil ħadd barra u jsieħeb lill-ġemgħa Maltija ta' żmienu fi spettaklu komiku-traġiku wieħed, aktar impinġi u drammatizzat milli mistħarreġ u mbiddel f'riflessjoni. L-impressjoni ta' attwalità ġurnalistika u ritrattistika tar-rumanz (Mamo nnifsu kiteb ħafna b'ismu jew mingħajru fil-ġurnali) hi aktarx l-għodda letterarja li tgħaqqad l-aktar lill-partijiet tar-rakkont f'nisġa waħda li għandha element komuni: l-aljenazzjoni, is-setgħa tal-moħħ mudlam li jittradixxi lilu nnifsu u jieħu gost bit-tradiment. Il-kawżi, politiċi u ambjentali, huma msemmijin u kkundannati minn waqt għal ieħor, f'siltiet li donnhom intervalli ta' protesta, iżda n-narrazzjoni ma tiqafx ħlief f'waqtiet li bħallikieku jridu jorbtu kwadru ma' ieħor.

Bħala kittieb li fehem il-qagħda mentali tal-qarrejja tiegħu (huma nfushom l-għajn tan-nebha), Mamo hu interessat li jbiddel lir-rumanz f'teatrin farsesk, u li jqanqal il-kurżità billi jipprovoka b'deskrizzjonijiet li jitbiddlu f'panorama mlewna ħafna, imgħarrfa u dokumentata f'kollox. L-idea ta' rakkont dwar "ulied in-Nanna" tressqu lejn id-definizzjoni tar-rumanz "saga", narrazzjoni li tpinġi l-ħajja ta' familja, aktarx bis-saħħa ta' sensiela ta' stejjer iqsar marbutin flimkien; mad-ankollu tressqu aktar lejn għażla tipika tat-teatru popolari Malti, jiġifieri t-tfassil ta' nisġa jew storja fi ħdan il-kwadru tar-relazzjonijiet tal-familja Maltija. L-emigrazzjoni Maltija kienet, u aktarx għadha, esperjenza li tolqot lil individwi bħala familja, aktar milli bħala individwi.

Bħar-realisti, Mamo fittex li jikteb b'awtentiċità li tidher; iżda kontra r-realisti, Mamo dewweb l-ispunti negativi u traġiċi f'qagħdiet komiċi u farseski. L-ironija hi mqanqla minn weġgħa li tispiċċa biex tidħak bil-ġerħa. Is-soċjologu, il-kittieb ta' l-ambjent, jitla' fil-wiċċ il-ħin kollu biex ibiddel trattat qares u niggieżi fi dramm divertenti u "fer-rieħi". M'humiex il-vittmi li jibku lilhom infushom (it-tema tar-rumanz hi l-aljenazzjoni bħala wild l-injuranza), iżda l-awtur innifsu, maqtugħ minnhom, li jirrifletti mingħajr ma jimponi r-riflessjoni fuq il-karattri "boloh", "fanatiċi" tiegħu nnifsu. Ir-rumanz jibda kif jispiċċa, bħalma l-ispettaklu jibda u jispiċċa billi jiddeverti mingħajr ma jikxef il-weġgħa li hemm fil-kawża tad-divertiment. It-traġedja u l-farsa, il-bikja u d-daħka huma mxettlin f'ħamrija waħda: il-karattri statiċi li ma jitbiddlu xejn waqt li jiġrulhom bosta ħwejjeġ. In-nuqqas ta' żvilupp fil-persunalità tagħhom jinsab f'kuntrast qawwi ma' l-għadab progressiv ta' l-awtur.

Id-djalett Malti hu mħaddem b'ħila ritrattistika li aktar iddaħħak milli tammira x-xejriet espressivi, l-għana u l-fantasija tal-kotra.

F'Mamo hemm il-polemika klassista bejn il-belt u r-raħal,[70] ħjiel tat-tilwima kulturali bejn il-klassi edukata u l-klassi mħollija fl-injuranza. Iżda l-istess qawwa li hemm fil-kultura popolari (kif ġiet apprezzata u sublimata b'sens demokratiku kbir mir-romantiċiżmu 'l hawn) hi mif-huma bħala għajb, frott ta' dekadenza. Ix-xejriet folkloristiċi, bħalma huma l-isfumaturi tat-taħdit raħli, l-ilbies tradizzjonali, l-għana, id-devozzjonijiet, il-festi popolari, huma meqjusa bħala x-xhieda ta' l-aljenazzjoni nnifisha, imfissra b'ħila u b'kuraġġ. Min-naħa l-oħra dawn il-ħwejjeġ huma ammirati fis-sens li bis-saħħa tagħhom bena spettaklu innoċenti daqskemm ġelliedi: "Ħadd m'għandu jitfantas ... għal xi kliem jew tismija t'ismijiet li jsib f'dal-maħżen ta' kliem, għaliex m'huma magħmula b'ebda ħsieb li jweġġgħu l-qalb, jew joffendu l-ġieh, inkella egħmejjel qaddisa, le; il-ħsieb magħmul biss għall-ġid u x-xalar fil-ħsus ta' dehen il-qarrejja.... Kulma ngħid, għadilli biċċiet minnu forsi jniggeż satirikament, politikament — u lil kulħadd bla distinzjoni ta' partit, eċċ. — ma ngħidux b'offiża, le, imma b'ludendo castigat mores."[71]

L-istorja ta' Malta wkoll, kif tidher fl-egħmejjel magħrufa tal-persunaġġi tagħha, hi mneżżgħa mill-qoxra epika. Kulma hu storika-ment imbiegħed mill-possibbiltajiet tal-bniedem komuni hu msarraf fi spunt ironiku biex jersaq lejn it-tiġrib tal-karattri tiegħu, l-eroj tal-banalità. F'dawn il-kummenti ta' Mamo tinħass ħajta ta' ironija kontra t-trattament ta' xi persunaġġi fir-rumanzi storiċi: "L-istorja hija storja, u mbagħad għaliex tistagħġbu mix-xejn? Toni Bajjada għamel għoġbijiet tant minn nitfa ta' baħri bidwi fi żmien l-iġfien, qata' tant widnejn ta' Torok sa ma qatgħulu tiegħu, għaġeb għax Girgor tagħna jittanta l-impossibbli bħal Marconi fis-seklu għoxrin? U Pawlu Xagħra, u Ċejlu Tonna, u Luqa, u issa Nazju?" (VII).

Min-naħa l-oħra, l-ideal tiegħu hu t-tagħlim, il-qari ta' xogħlijiet klassiċi (kif jixhdu għadd ta' riferenzi kulturali mxerrdin matul ir-rumanz) li jsawru persunalità kolta. Is-silta dwar il-kotba li ġew ikkun-dannati (L) hi l-akbar kuntrast mal-bqija tar-rakkont; hi kemm xhieda tal-moħħ dejjaq u kemm ukoll kawża tal-qagħda mfissra.

## *L-ilsien popolari u l-kitba letterarja*

Il-"baħar ta' espressjonijiet kif tgħidhom il-kotra m'hix imgħallma u mħollija fl-istat li hi (1886–1930)"[72] hu magħmul minn idjomi tipiċi tal-poplu maqbudin fil-bixra simpatika tagħhom, meqjusin ukoll bħala spunt ta' satira. Minbarra s-soleċiżmi u l-idjotiżmi, il-kitba tiegħu hi

mmexxija f'burdata ta' djaloġiżmu li ma jaqtax. Bħal bosta favolisti u poeti satiriċi Taljani (u fil-letteratura Maltija, bħal Ġan Anton Vassallo fil-ħrejjef u l-versi ċajtiera), Mamo jinqeda wkoll b'espressjonijiet tal-"latinorum".

Huma kotrana x-xejriet tat-taħdit popolari maqbud minn Mamo fin-naturalezza tiegħu. Sutcliffe innifsu għaraf fir-rumanz għalqa ta' tagħrif dwar taħdit il-poplu.[73] Ta' min għallinqas jagħti ħarsa ħafifa lejn xi xejriet ewlenin: il-malapropiżmu (*ta' Bakku* flok *tabacco*, *kaboċċi* flok *Coloċċi*); l-aferesi, jew it-tneħħija ta' ittra jew sillaba fil-bidu ta' kelma (*irġni*, *antamarija*, *azzjonalisti*, *spunsabbli*); is-sinkope, jew it-tneħħija ta' ittra jew sillaba min-nofs ta' kelma (*interptu*, *Cordino*, *Serkuża*), l-apokope, jew it-tneħħija ta' ittra jew sillaba fit-tmiem ta' kelma (*Stricklen*, *Luċif*, *Satan*), l-antiteżi fonetika, jew it-tqegħid ta' ittra minflok oħra (*litratt*, *iljurant*, *liżorju*, *anġentissmu*, *niskomlikok*, *Emilki*, *Melikoni*), il-metateżi, jew iċ-ċaqliq ta' ittra (*frabika*).

Il-lingwa ta' Mamo hi mħaddma skond dehra konkreta ħafna tal-ħajja; tonqox il-kwadri, tbiddilhom f'xeni teatrali. Xi persuni mhux biss għandhom il-laqam, iżda huma mogħtija laqam ta' azzjoni ("Armawżarma"). Il-Girgorijiet, il-Kalanċijiet, il-Masijiet u l-Wiżijiet tiegħu huma lkoll imseħbin ta' ġemgħa anonima, tipi li jsawru koralità attiva. Ir-rumanz hu mfawwar bil-ħidma, biċ-ċaqliq u bl-oġġetti. Il-lingwa, għalhekk, hi mogħtija dan l-orjentament.

F'dan id-dawl, aktar milli fid-dawl ta' kif l-awtur jiżvolġi r-rumanz bis-saħħa ta' xejriet tipiċi tal-poplu mifhumin bħala sinjali ta' moħħ magħluq, tista' ssib tifsira l-istqarrija pożitiva tiegħu li f'dawn id-drawwiet hemm, fil-fatt, il-poeżija tal-poplu. Ir-rumanz iwassal għall-istmerrija ta' dawn ix-xejriet (riflessi hawn fit-taħdit), waqt li f'ħin minnhom l-awtur juri l-qima tiegħu lejhom: "F'diskursati bħal dawn bejn raħħala (li jekk int tħobb ilsien artek u toqgħod tissemmagħlhom tajjeb, għandek taħtaf minnhom ħafna frażijiet (qwal) sbieħ maħruġin minn omm l-art, minn dawk li Cesri Cantù jgħid li huma 'l'eterna poesia del popolo') tara ħafna mossi li ma jistax ikun tgħidhom kollha hawn; tikmix ta' xofftejn, tberriq t'għajnejn, tiftiħ ta' idejn, titligħ ta' spalla, timjil ir-ras, eċċ." (IV). Minn din il-"poeżija dejjiema tal-poplu" Mamo silet ukoll is-satira u mbagħad il-kundanna mgħaddba. It-tħassib tiegħu jinsab miżrugħ fil-konvinzjoni li din il-"poeżija", daqskemm hi sabiħa, hi wkoll riżultat ta' nuqqas ta' emanċipazzjoni kulturali ta' klassi. Il-poeta (romantiku) u s-soċjologu (realista) f'Mamo jinsabu fi ġlieda bejniethom.

Ix-xewqa ta' l-awtur li jolqot lis-sensi, aktar milli lill-moħħ, tal-qarrej tixref ukoll fl-użu regulari ta' l-onomatopoeia għal għażla kbira ta' qagħdiet: *ċiluff*, *tuuuut*, *pumm*, *żlikk*, *blokk-blokk-blokk* u bosta oħrajn. Mill-bqija, it-taħdit tal-karattri nfushom, id-deskrizzjonijiet u sikwit ir-riflessjonijiet ta' l-awtur huma miktuba b'Malti mlewwen li jfittex dimensjonijiet oħra minbarra t-tifsir. F'dan id-dawl tiftiehem il-polemika tiegħu mal-kittieba ta' żmienu li fittxu li jagħtu bixra letterarja lill-kitba billi jsegwu mudelli ta' deskrizzjoni retorika żżejjed: "Nixtiequ kieku nuru 'l dat-temp, il-beraħ, kif kien: nuru l-ġmiel tan-Natura, imma l-ħila tonqosna. Għalhekk sejrin inżejnu b'rix ħaddieħor, nimitaw, nuru l-bidu b'ħila ta' kif juruh x'uħud mir-rumanziera, fosthom tant mill-Maltin; cioè, niġu bid-dgħajsa ta' bil-mod il-mod biex nuru l-bżieżaq b'anterni. Nitqanżħu ftit, immela. Ix-xemx, Sultan tal-ħolqien kollu, mela, kienet ilha li telgħet minn xefaq il-kħajli orizzont xi siegħa u ħames minuti. Is-sema allura kien ċar daqs il-kristall, daqs l-ilma baħar, daqs dmugħ l-għajnejn. X'ġara iżda? Ġara li s-sħab beda jiftiehem, beda jegħmeż waħda 'l-oħra, beda jixxierek, jingħaqad gruppi gruppi bħal dawk in-nies li tara kull fil-għodu quddiem il-qorti, riesaq ħelu-ħelu u bil-mod il-mod igħattiha. Irġni!" (XXIV).

It-tilwima mal-moviment letterarju Malti m'hix biss dwar l-għażla stilistika iżda wkoll dwar il-kontenut li ma qiesx il-livell tal-qarrejja Maltin: "Aħna diġà wissejna lill-intelliġent li dan il-kliem ma hux b'żebliħ, la għal banda u lanqas għal oħra, imma meħud b'ludendo castigat mores biex wieħed juri safejn jasal il-Malti meta tħallih in-jurant. X'għarukaża!... Konna nistennew li dan jagħmluh xi nies twajba u qassisin kittieba, bħas-sur Fons Galea, Dun Saydon, Dun C. Psaila, ecc., imma dawn ħsiebhom biex jimxu wara l-bidwi li jiżra' f'art m'hix maħduma, ħsiebhom fil-kitba li l-poplu mħolli b'mod li ma jifhimhiex, jew jaqraha iva, u jifhimha daqs pappagall!"[74]

Għalhekk ukoll xi taqsimiet jingħalqu b'esklamazzjoni (e.g. "M'hawnxgħalihoooom!", XXVIII; "Issa tara x'ġej!", XXIX), waqt li taqsimiet oħrajn jiftħu bi kliem li jrabbat silta ma' oħra b'mod evidenti ħafna (e.g. "Konna rajna kif...", XXXIV).

## *L-inkjesta soċjali*

Min-nuqqas ta' tagħlim bħala kawża ewlenija r-rumanz igħaddi għall-preżentazzjoni tal-ħajja tal-gżira fl-oqsma l-iżjed karatteristiċi tagħha. Mill-kundanna tal-ħajja politika miżgħuda b'persunaġġi kkri-

tikati,[75] l-awtur igħaddi għall-karikatura tal-waqtiet l-iżjed formali tal-ħajja popolari: "Laħaq il-fratelli ħarġu, spiċċaw mill-knisja u qegħdin fid-dawra, mexjin ħelu ħelu, nofshom imxenglin fuq ġenb bil-piż tax-xama', u kultant b'raxxa karti kuluriti għal fuqhom. Laħaq il-banda tar-raħal iddoqq il-marċ ... għaddejjin ... bil-pass il-mejjet jixxenglu misrumin fil-filliera; dak b'kappell f'rasu magħmul trespikos, ieħor b'ieħor kbir daqs ta' John Bugeja, donnu xi bażilka, donnha ġejja xi għamla silġ irqiq; dak b'kappell ieħor mgħaffeġ f'rasu sa widnejh, l-ieħor xuxa.... Tal-bumbarduni għajjiena mejtin jonfħu b'mod li f'ħalqhom donnhom għandhom xi patata" (VII).

L-egħruq ta' dan l-għadab imsarraf f'komiċità jinsabu fil-politika, u l-iżjed fil-każ tal-Proġett Ebejer, pjan ta' ċertu Gaudenzio Ebejer "claiming that it would give employment to a large number of people, and yield a considerable revenue to the Exchequer."[76] Ix-xettiċiżmu ta' Mamo hu mnissel ukoll mill-preġudizzji soċjali u morali tal-Maltin dwar l-emigrazzjoni, mifhuma bħala soluzzjoni anki minn awturi oħrajn bħal Ellul Mercer u Orlando. L-għażla ta' l-Amerika bħala art ta' emigrazzjoni ma kinitx ħaġa komuni; sa l-1885 din l-għażla ma kinitx ħlief l-esperjenza ta' ftit individwi għal rashom. Numri ftit akbar ta' Maltin bdew jitilqu lejn l-Amerika fis-snin disgħin tas-seklu dsatax u fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, iżda kellhom jaslu s-snin tat-tbatija ta' qabel u wara l-gwerra ta' l-1914–18 biex gruppi mdaqqsin ta' Maltin bdew iħarsu lejn dan il-kontinent.[77] Skond H. Casolani, ex-suprintendent ta' l-emigrazzjoni, fis-snin 1925–30 il-Maltin fl-Amerika kienu jgħoddu 'l fuq minn 15,000. F'Michigan, l-aktar f'Detroit, kien hemm 6,000 li stabilew ruħhom għal dejjem, u fi New York kien hemm 4,000. F'San Francisco (California) kien hemm kolonja li kienet qiegħda tikber dejjem, waqt li kien hemm ukoll gruppi oħrajn f'Chicago (Illinois), fi New Orleans (Louisiana) u nħawi oħra.[78] Fis-sena 1930–31, meta xxandar ir-rumanz, l-għadd tal-Maltin li telqu lejn l-Amerika kien 592.[79] Il-fatt li Mamo jibgħat lill-karattri tiegħu fil-kontinent imbiegħed hu marbut ma' l-anti-climax li jrid jagħlaq bih. L-ideal hu kbir, l-art hi mbiegħda, il-ħolm ukoll, u hekk ukoll il-falliment. Il-kritika tifrex l-implikazzjonijiet tagħha fuq kulħadd, kemm fuq l-emigranti u kemm fuq il-binja organizzativa tal-pajjiż oriġinali ta' l-emigranti. L-egħluq ta' Malta jidher l-aħjar jekk jitqabbel mal-ftuħ tal-kontinent.

L-inkjesta soċjali hi dwar "il-fanatku Malti" (XLI) li jgħix fil-"gżira tal-bronż u l-ġebel" (XXI), il-"pajjiż tal-bhejjem" (XXI). F'dan l-

ispettaklu mnikket–ċajtier kulma jiġri hu mqiegħed fi kwadru wieħed. L-iċken ħwejjeġ huma mqegħdin fl-isfond politiku u ġenerali. Il-parallelizmu bejn l-azzjoni ċkejkna u individwali u l-azzjoni politika u kollettiva jidher sewwa f'dawn is-siltiet. Hu parallelizmu li jixhed il-mod tar-rakkontatur li jiddeskrivi bosta ħwejjeġ biex iseddaq verità waħda:

(*a*) *"Il-kelb u l-qattus li kienu taħt il-mejda ħarġu għaliha f'daqqa bil-ġirja, u hawn, allura, mal-ġlieda ta' bnedmin, raġel u mara taħt is-saqaf, ingħaqdet il-ġlieda taħt il-mejda mill-bhejjem, kelb u qattus: iffurmaw il-proprja xena ta' żewġ annimali Maltin: il-motto, il-qawl ta' Malta ta' llum: 'Min jiflaħ l-iżjed, jiekol!'" (VIII).*

(*b*) *"Għal dan l-agħjat, il-ġirien waqqfu widnejhom; bdew igħidu tagħhom.*
*— Marozz qed jagħti xebgħa 'l-mara.*
*Wara ftit:*
*— Marozz qed jaqta' ras il-mara; isimgħuha x'tgħajjat 'Ajmaaa rasiii.'*
*U sal fil-għodu ħarġet ix-xniegħa li:*
*— Marozz qatel il-mara! — U l-biċċa kibret iżjed minn dik ta' l-imsejken Strickland li mix-xejn sar l-akbar Mażun! Sar Lord" (VIII).*

(*ċ*) *"U idħol, arooh,*
*— U idħol int, għax ... għax ...*
*Aħna l-Maltin hekk; wieħed jissuġġerixxi lill-ieħor; nimbuttaw lil ħaddieħor qabilna, ma rridux inkunu minn ta' l-ewwel, biex jekk Allaħaresqatt jiġri xi żikk jilqgħu ta' quddiem" (XXIII).*

## *Lejn definizzjoni tar-rumanz*

Il-bixra ġenerali tar-rakkont tistieden l-impressjoni li dan hu rumanz li jitmexxa biss, il-ħin kollu, minn burdata ta' satira miżrugħa fl-osservazzjoni tal-qagħdiet u l-ħsibijiet imsejkna ta' persuni u ta' ġemgħat ta' persuni. Flimkien ma' l-osservazzjoni, imbagħad, tidħol il-ħila teknika ta' l-awtur li jkabbar, jisfuma u jadatta skond il-pjan tiegħu. Ir-rumanz jinqeda bi ftit karattri (fin-nisġa jidhru ħafna, waqt li jissarrfu f'għadd żgħir ta' tipi differenti), iżda jifrex ir-relevanza tiegħu fuq komunità sħiħa. Jinqeda biċ-ċajta biex joħroġ, imqar jekk bil-moħbi u

b'mod miftiehem, il-qrusa tal-qagħda kollha. Igħaqqad iż-żewġ elementi tal-prinċipju Orazjan magħruf tal-pjaċir (*dilectare*) u tat-tagħlim (*prodesse*) biex isawwar xenarju mżewwaq li jinħall f'daħka waħda. L-inċidenti li jillustraw id-daħka huma kotrana, iżda l-qofol tagħha hu wieħed: l-injoranza.

Din hi biss il-qoxra tan-nisġa, u hi sewwa sew l-aspett tal-pjaċir imsemmi. Huwa l-metodu tan-narratur li joffri d-divertiment bħala mezz għal għan ieħor, differenti ħafna, u mhux bħala għan fih innifsu. Iċ-ċajta hi mument fi proċess wisq itwal li jasal sar-riflessjoni li tinsilet (bħala konklużjoni tal-qarrej) mid-daħka. Ladarba l-ispettaklu, importanti u ċentrali, huwa mmexxi fl-irqaqat tiegħu kollha mill-għajnejn ta' osservatur kritiku tas-soċjetà (kif hu Mamo jekk jiftiehem ukoll fid-dawl tal-kitbiet kotrana l-oħra tiegħu fil-ġurnali fejn dejjem titla' fil-wiċċ il-kawża tal-qawmien kulturali tal-kotra Maltija), l-istess spettaklu hu biss l-oġġett ta' l-osservazzjoni li titnissel minnu r-riflessjoni.

Ir-riflessjoni hi differenti ħafna, u tiġbor fiha l-implikazzjonijiet imnikkta kollha li m'humiex komiċi. In-niket, madankollu, hu moħbi u mhux imfisser. L-awtur jagħraf irażżan l-għadab soċjo-politiku tiegħu fi ħdan il-binja ta' daħka waħda. Il-forma, jekk tista' titqies bħala kategorija mentali, hi r-redikolaġni, il-burdata farseska li tinfexx fit-tiswir ta' bosta kwadretti (li jistgħu jgħixu wkoll weħidhom, bħala waqtiet żgħar maqtugħin minn xulxin) marbutin flimkien f'viżjoni waħda: l-għarfien ta' l-iżball nazzjonali fid-dawl tal-progress dinji.

Il-kontenut, mela, hu ħaġa oħra, ir-rimors imwelled mill-qagħda kerha kif inhi. Minn hawn ġejja r-rabta bejn il-prinċipju tal-pjaċir (komiku) u l-prinċipju tat-tagħlim (serju). Jekk wieħed iqis l-idealiżmu ta' l-awtur fix-xejriet differenti tiegħu (fosthom il-qilla tal-polemika, il-frustrazzjoni misluta mill-paragun bejn id-dinja lokali magħluqa u d-dinja ċivili ta' barra, in-nervożiżmu mnissel mill-idea li Malta hi art miżgħuda bl-anakroniżmi, id-daħka ironika ta' min jifhem il-gravità ta' l-illużjoni kollettiva), wieħed jifhem ukoll li l-kontenut ta' Mamo hu, fil-qiegħ u fil-qalba tiegħu, riformativ, imbiegħed ħafna mill-oġġett stess tar-rakkont. Il-"festa" patetika li jiċċelebra l-awtur trid tieqaf. Iċ-ċajta ġenerali hi pass li jrid iwassal għal konklużjoni serja.

F'dan id-dawl ir-rumanz hu umoristiku fil-wiċċ biss. Jekk l-awtur, bħala narratur tajjeb, liġġem lilu nnifsu biżżejjed biex ma jirriflettix fit-tul matul in-nisġa tiegħu, ir-riflessjoni toħroġ xorta waħda indirettament, bħala astrazzjoni tat-tifsira kostanti tar-rakkont; toħroġ direttament, mill-bqija, fil-kitbiet l-oħra fejn itenni t-tħassib tiegħu dwar il-

qagħda Maltija u jippreżenta l-proposta kulturali tiegħu bis-saħħa ta' l-għarfien ta' Malta bħala parti mid-dinja. Il-kuntrast bejn il-mikrokożmu u l-makrokożmu hu l-qofol taċ-ċajta u tar-rimors moħbi fiha. Il-ġlieda kontra l-iżolament (l-ispunt tar-rumanz) twassal għall-għarfien tal-ħtieġa kbira li jseħħ id-dħul ta' Malta fis-sensibbiltà ma-tura internazzjonali.

Dan ifisser li l-awtur, immexxi l-ewwelnett mill-prinċipju tal-pjaċir, ħeba l-implikazzjonijiet kuntrarji li joħorġu wara l-kisba tal-pjaċir. It-traġedja nazzjonali hi mbiddla temporanjament f'farsa nazzjonali. Il-qofol jibqa' serju, u s-serjetà tinkiseb 'il barra mill-qari tar-rumanz, iżda bis-saħħa tiegħu (jiġifieri bis-saħħa taċ-ċajta li joffri).

L-isforz ta' Mamo hu li jfittex il-veru qares taħt il-ħajja kalma ta' min qiegħed ibati, fil-moħħ u fil-ġisem, waqt li bil-ħakma ta' l-injoranza ma jistax jintebaħ. Id-daħka li l-awtur jistieden lill-poplu biex jidħak bih innifsu hi l-ewwel fażi; it-tieni fażi hi l-istmerrija tal-kontenut tad-daħka stess. Il-pretensjoni tiegħu ta' kittieb hi li hu qiegħed jara d-dawl li l-kotra m'hix f'qagħda li tagħraf, u anqas li tixtieq. Minn hawn ġejja l-illużjoni sħiħa li l-karattri patetiċi tiegħu huma l-vittmi "hienja" tagħha. Hawn ukoll titwieled il-ħerqa tiegħu biex jara lill-poplu jaqra u jitgħallem biex jifhem il-jeddijiet tiegħu. F'din il-ħamrija hi mxettla l-isfiduċja fil-klassi politika, u b'rabja mrażżna hu miktub ukoll ir-rumanz li jsarraf il-protesta f'illustrazzjoni ta' l-għajb nazzjonali.

## *Il-preżenza ta' Mamo fil-letteratura Maltija*

L-influwenza ta' Mamo fil-letteratura Maltija tiftiehem aħjar fil-kuntest usa' tat-tagħlim marbut mal-kitba nnifisha bil-Malti, u mhux bi lsien ieħor. Jista' jingħad li t-twelid stess tal-letteratura bil-Malti hu marbut ma' l-ideal (storikament illuministiku u fuq kollox romantiku) li l-kittieb jifhem il-funzjoni tiegħu ta' riformatur u ta' interpretu tal-qagħda ta' żmienu. Il-kittieba storiċi, poeti u prożaturi, fehmu lill-pajjiż bħala nazzjon, u bnew id-dehriet tagħhom fuq il-konfront bejn il-ħakkiem u l-maħkum. Il-kittieba tal-bidu bdew mill-bidu. Fl-istess ħin skond xejra tipika taż-żmien, l-għarfien tal-qagħda politika nazzjonali ntiseġ bi ħtieġa ma' l-għarfien tal-qagħda politika soċjali. Mill-istħarriġ tal-pajjiż bħala nazzjon beda jitnissel l-istħarriġ tal-pajjiż bħala ġemgħa ta' klassijiet li jsawru soċjetà mimlija differenzi. Anki jekk il-bixra ewlenija tal-kittieba storiċi hi l-kisba tal-kuxjenza nazzjonali fis-sens politiku, din il-bixra tħaddan ukoll il-komponent ta' l-analiżi soċjali.

Minn Vassalli sa Ġan Anton Vassallo, Richard Taylor, Anton Manwel Caruana, Ġużè Muscat Azzopardi, Salv. Frendo de' Mannarino, Dun Xand Cortis, Ninu Cremona u oħrajn, il-kuxjenza tal-pajjiż bħala pajjiż hi minsuġa wkoll mal-kuxjenza ta' min igħammar fil-pajjiż, imqar jekk il-preferenza hi mogħtija lill-art bħala espressjoni ġeografika li għandha identità. Maż-żmien, aktar ma l-kisbiet ewlenin isseddqu, il-kuxjenza soċjali kellha timmatura u tixref iżjed, bħalma xirfet, imqar jekk dejjem skond ix-xejriet individwali tal-kittieb, f'Temi Żammit, Ġużè Bonniċi u oħrajn.

Manwel Dimech għaqqad liż-żewġ komponenti mingħajr ma ċaħad l-ewwel wieħed. Is-sens nazzjonali u s-sens soċjali huma miġbura fih fi mġiba kumplessa waħda li tixhed mill-ġdid l-għaġla li kellha tadotta Malta biex tlaħħaq mal-pass ħafif tal-kontinent u tad-dinja. Għal Mamo wkoll id-dinjità tan-nazzjon m'hix maqtugħa mill-għajxien soċjali, u l-kburija tal-pajjiż hi wkoll il-kuxjenza ta' klassijiet maħqura li jqumu:

*Qam il-Malti! Dinja, ħares!*
*Għax marbut kien ilu s-snin*
*Twal u ħorox; dam jitqanna*
*F'xewqiet nies il-barranin!*

. . .

*F'dan il-jum niftakru, Dinja,*
*Li fost kemm int fik bnedmin,*
*Hemm il-ħila taż-żgħir Malti;*
*Hemm il-kobor tal-Maltin!*[80]

Fil-każ ta' Mamo dan kollu jiftiehem mhux biss minħabba r-rabta storika tiegħu ma' Dimech, iżda wkoll minħabba l-ideat imġarrba fl-ewwel persuna minn Mamo nnifsu, karattru nieqes mill-kwiet u mill-kalma (kif jixhdu xi aspetti ta' żgħożitu), fittiex tal-ġdid u ta' l-aħjar. Waqt li r-rumanz tiegħu, għalkemm jidher maqtugħ għalih waħdu (għallinqas bħala forma sħiħa) mill-bqija tal-kitbiet letterarji bil-Malti, m'huwiex fil-fatt maqtugħ daqshekk għalih waħdu u jagħraf l-egħruq storiċi tiegħu fix-xejriet sekondarji ta' kittieba ta' qablu, fl-istess ħin l-insistenza tiegħu fuq il-valuri soċjo-kulturali li jpinġi hi l-punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' kittieba li ġew wara.

Fi ħdan l-istess tematika, bi sfumaturi u b'metodi letterarji differ-

enti ħafna, kitbu mbagħad Ġużè Ellul Mercer ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938) u xi novelli oħra, u Ġużè Orlando ta' *L-Ibleħ* (1948). F'Ellul Mercer hemm il-konċentrazzjoni tat-tħassib tiegħu f'Leli, individwu differenti mill-kotra minħabba l-intelliġenza tiegħu f'ambjent aljenat. Huwa l-filosfu privat, imgħobbi bir-riflessjoni fuq l-idea ta' Alla (l-isem Leli jfisser "magħna hu Alla") f'kuntest nieqes mill-ħsieb fejn id-distanza bejn il-verità u r-realtà hi kbira. L-intellettwali magħluq fih innifsu jitqabad biex jifhem u meta jasal biex jitgħallem jinqata' mill-komunità li ma tifhmux. L-għar tal-parabbola Platonika, li jirreferi għaliha l-awtur u jbiddilha f'qagħda mentali li taħkem tul ir-rumanz kollu, hu l-għar tas-solitudni li jaqa' fiha l-intellettwali Malti f'pajjiżu. Ir-rakkont isib l-iżvilupp tiegħu fit-trawwim ta' l-iżolament ta' Leli mill-ambjent tal-kotra. Hi tweġiba serja lill-mistoqsijiet li ħareġ bihom Mamo bir-rumanz fl-1930, u li qegħedhom f'kuntest komiku. Jekk jeżisti l-intellettwali fil-gżira, jista' jgħix sħiħ miegħu nnifsu? It-tweġiba hi l-mistoqsija nnifisha.

Ġużè Orlando jippreżenta "ibleh" li m'huwiex belhani f'soċjetà ta' bluha. Il-bluha ta' l-idealista u s-"sens komun" tal-kollettività jiltaqgħu f'konfront sieket fejn, bħal fid-dinja mlewna ta' Mamo, xejn ma jitbiddel. Orlando jistqarr li "l-moħħ ifaqqar jew jagħmel għonja l-imġibiet tal-ġisem. Ġisem mingħajr moħħ tajjeb jiġrilu bħal dik l-għalqa li timtela bil-ħaxix ħażin għaliex ma tkunx maħduma bil-għaqal. Għadd kbir ta' nies, li ma jingħatawx id-dawl tat-tagħlim, isiru ħatja ta' egħmil ħażin għalihom infushom u għal min imiss magħhom u għal ġenshom kollu." Din ukoll hi għamla ta' parteċipazzjoni fit-tema ta' l-aljenazzjoni nazzjonali li daħħal Mamo fin-narrativa Maltija; iżda Orlando jbiddilha ironikament f'eleġija solitarja ta' individwu li, bħal Leli ta' Ellul Mercer, jitqies bħala miġnun, u sewwa sew "ibleh".

Waqt li l-intellettwali ta' Mamo hu l-awtur innifsu, il-"protagonist" (moħbi u mħolli barra) tar-rumanz li jtella' fil-wiċċ biss lill-verżjoni kuntrarja billi jirrakkonta sensiela ta' kwadri umoristiċi li jaħbu t-traġedja taħt il-farsa, l-intellettwali taż-żewġ awturi l-oħra hu l-aġent ċentrali, ir-ruħ li ġġarrab fl-egħluq tal-kuxjenza, l-anti-eroj li jinqered mill-ħakma ta' l-injoranza. L-iżvilupp ta' l-anti-eroj fin-narrativa moderna Maltija għandu l-mudelli bikrija tiegħu f'dawn ix-xogħlijiet.

L-għażla tal-forma narrativa, illustrata u kkonkretizzata kemm jista' jkun, kif ukoll l-imġiba farseska huma l-mezzi li Mamo fehem li seta' jikkomunika bihom ma' pubbliku li, fis-sewwa, huwa d-dinja waħdanija tan-nebha tiegħu. Żmien wara l-istess tensjonijiet, li jħaddnu

wkoll konklużjonijiet oħra, tfissru b'letteratura differenti minn kittieba oħrajn li fehmu li tema serja għandha tinbena f'arja ta' serjetà. Bħalma ngħad qabel, madankollu, is-serjetà tinsab diġa' f'Mamo, imgħottija taħt il-qoxra, mifhuma bħala r-riflessjoni qarsa li toħroġ mill-ilwien ta' l-ispettaklu ċajtier. Hi differenza fl-enfasi, għażla ta' metodu letterarju.

## *Il-kittieb bħala riformatur soċjali*

Għal Mamo, bħalma għall-kittieba tax-xeħta tiegħu, il-kelma miktuba għandha tkun strument għall-ħolqien ta' kuxjenza soċjali li mbagħad twassal għat-twettiq ta' bidla mill-qiegħ. Mamo seddaq dan il-prinċipju ta' l-impenn bil-kitbiet kollha fil-ġurnali, u darba minnhom, bir-rumanz, sarrfu f'letteratura. Id-definizzjoni li ġejja tal-kittieb, imġarrab u qalbieni, hi xhieda ta' kif Mamo ħares lejh innifsu fid-dawl ta' l-esperjenzi lokali u barranin li mbagħad wassluh biex jibni r-rumanz bħala l-ġabra sħiħa tas-sentimenti tiegħu: "Il-kittieb, ja ħaddemin setgħana, ja ħaddemin għomja, inzerta dlonk fi bliet kbar, fejn il-għanja mgħaddba tal-ħaddiem ħukom dejjem għarfet titlob u dlonk qalgħet; fi bliet fejn il-għajta waħxija tiegħu werwret u tagħha għamlet. F'Ġinwa ġera mal-folla biex jiżen l-id fellieħa tal-ħaddiem kemm taf turi, fil-Kajr ittawwal mill-bjut biex igħarrex lil dak li darba kien mitt sena lura, f'Lixandra tgħaxxaq bit-talb ta' l-għaqdiet ta' nies it-tarbux għal jeddhom, u f'Malta l-imbierka mhux ħlief jitħassar 'il ħutu mxaħxħa fin-nagħsa t-twila."[81] Dan hu ritratt tiegħu stess.

B'din il-fehma tiegħu nnifsu bħala awtur li silet fehmietu mill-esperjenza, Mamo jista' jkun ċert li l-kotra Maltija tinsab f'qagħda mwiegħra: "U biex il-poplu jista' qatt ikun evolut? Forsi bis-saqajn ħafja li għandu? Bil-marka salib flok ismu? Bix-xogħol tal-ħmir li bih imgħobbi?... Minn min jista' qatt ikollu l-evoluzzjoni, mill-maħbuba ommu...? Hi ma tafx taqra u l-iżvog tal-qari tagħha huwa t-tpaċpiċ ras ma' ras ma' mara oħra fis-suq jew fit-triq.... Le, le, din m'hix ħajja! Hemm bżonn li naraw x'jeħtieġ isir! Hemm bżonn li aħna l-ħaddiema nitkellmu u nitkellmu ċar u tond u bla biża'!"[82] Dan id-diskors ta' l-1925, ftit snin qabel il-ħruġ tar-rumanz, hu ssoktat sa l-1938. It-twemmin tiegħu hu li flimkien mal-Malti ta' Malta, l-emigrant ukoll irid jagħti sehmu għal nazzjon ġdid: "Xi trid iżjed, o int Malti li qiegħed bogħod minn nisel artek?... Qum, ja ħija, qum fil-ħsebijiet tiegħek, f'dawk il-ħsebijiet ta' l-għaqal! Int, Malti, li għandek demm jiġri fil-vini, ifhem li għandek art twelidek, 'il bogħod, 'il bogħod, li tat nislek. Ara

qatt tisthi tgħid li int Malti; ara tiċħad 'l Art twelidek; ara ma ddawwarx spallejk lejha, għaliex taqa' fil-għajb, fl-istmerra, fid-dnub!"[83]

Fl-istess sena wkoll, skond ix-xejriet ta' Maltin oħra f'dik il-ħabta, Mamo xtaq li Malta tqum u ssieħeb f'ġemgħa waħda lill-Maltin taddinja kollha: "Qegħdin taraw, għeżież ħuti Maltin tal-qrib u tal-bogħod, kemm hemm għalfejn wieħed iħambaq u jħeġġeġ biex ilkoll għalenija ningħaqdu f'ġisem wieħed, nitolbu 'l drittijietna, inxerrdu lsienna, u noħolqu l-Għaqda l-Kbira tal-Maltin mad-dinja kollha?"[84] L-appell tiegħu hu mwassal lill-Maltin ta' Malta u lill-Maltin ta' barra, hu mnissel mit-turment tiegħu bħala osservatur ta' artijiet kbar u mix-xewqa li l-Maltin "jistenbhu". Tinħass sikwit il-biża' tas-solitudni: "Imma għaliex forsi qiegħed nitkellem fil-waqt li ħuti reqdin? Qumu, qumu, għax innofs-in-nhar daqq...."[85] Imma f'Mamo hemm il-kuraġġ ta' awtur li jemmen fil-qawwa tal-kelma miktuba, mhux biss għaliex tiddokumenta iżda wkoll għaliex tagħti fastidju, tqanqal u tiġġieled.

F'dan id-dawl miksub mill-kitbiet sekondarji, it-tifsira ewlenija tarrumanz tiftiehem aħjar. Il-qoxra divertenti ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* taħbi s-serjetà ta' l-implikazzjonijiet tar-rakkont ċajtier. Dan illivell doppju jista' jingħaraf minn qari kritiku tar-rumanz, iżda jidher ċar għal kollox jekk ir-rumanz fih innifsu, bħala xogħol sħiħ, jitqabbel mal-kitbiet ġurnalistiċi kollha ta' Mamo. Fir-rumanz l-awtur għatta t-tagħlima qarsa taħt skorċa komika; fil-kitbiet l-oħra tiegħu l-verità soċjali kollha hi mfissra bis-serjetà li jixirqilha. Bejniethom, mela, irrumanz u l-kitbiet ġurnalistiċi jsawru manifest soċjali wieħed; ivarjaw bejniethom daqskemm ġurnalista u awtur jistgħu jkunu differenti; u jaqblu daqskemm bil-ġurnaliżmu u bil-letteratura, ġeneri magħżula minn xulxin, tista' tingħad l-istess ħaġa, jew għallinqas titfisser l-istess problema. F'dan is-sens ir-rumanz hu l-verżjoni letterarja tal-kontenut ġurnalistiku. Il-qofol ta' l-impenn soċjali hu wieħed, u l-mezzi ta' l-espressjoni huma tnejn.

# NOTI

1. Ġ. MICALLEF, *Ħal Luqa — Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975, p. 226. It-tagħrif kollu dwar dan ir-raħal hu meħud minn dan il-ktieb, pp. 219–228.
2. Ġ. MICALLEF, *op. cit.*, pp. 230–239, isemmi miżuri dwar is-saħħa, il-posta, l-ilma għax-xorb, l-edukazzjoni, it-toroq, id-dawl u t-trasport pubbliku.
3. Arkivju Parrokkjali (Magħmudija), Luqa, vol. 7, p. 50. F'żewġ passaporti tiegħu, wieħed maħruġ f'Lixandra fl-24 ta' Awissu 1921 (nru. 131, p. 2), u l-ieħor maħruġ f'Malta fit-3 ta' Settembru 1930 (nru. 7271, p. 2), id-data tat-twelid hi d-19 ta' Settembru 1886.
4. Ark. Parr. (Żwieġ), Luqa, vol. 6, p. 41.
5. Ark. Parr. (Magħmudija), Luqa, vol. 7, p.50. L-awtur għamel żmien jiffirma Gio. Batta Mamo.
6. Cfr. *ibid.*, vol. 6, p. 506; vol. 7, p. 26; vol. 8, pp. 44, 145.
7. Ġ. MAMO, *L-Inventur Mikilanġ Sapiano*, B., n. 1883, 5/4/1938, p. 8; ittra ta' Ġ. Micallef lill-awtur, 16/1/1983.
8. *Tagħrif* mogħti minn A. Mamo, iben il-kittieb, lil P. Formosa, 2/3/1973.
9. Ittra ta' Ġ. Micallef cit.
10. Ark. Parr. (Żwieġ), Marsa, vol. 1, p. 271.
11. *Tagħrif* cit.
12. *Ibid.*
13. Ittra ta' Ġ. Azzopardi lill-awtur, 30/11/1982.
14. *Tagħrif* cit.
15. Arkivji taċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata, vol. 68, nru. 167136.
16. F'ittra miktuba f'Ruma fit-12 t'April 1922 Mamo ddefinixxa lilu nnifsu "wieħed mill-iżjed fqar tal-gżira" (*Bla Telf ta' Żmien ja Poplu Malti*, Ħ., VI, n. 354, 22/4/1922, p. 3).
17. *Tagħrif* cit. Il-kitbiet tiegħu huma mimlijin b'riferenzi għal awturi internazzjonali kbar. Hu stqarr sikwit kemm kellu kotba, bħal f'din is-silta: "Jien spiss nixtri l-kotba, kif jaf kulħadd, u d-dar m'għandix ħlief għaram ta' kotba" (*Kixfa ta' l-Għaġeb — Kif sirt Għani f'Daqqa Waħda*, K., III, n. 131, 27/2/1930, p. 4).
18. Passaport nru. 131 (Lixandra, 1921), p. 2; Passaport nru. 7271 (Malta, 1930), p. 2. Ix-xogħol magħruf tiegħu meta miet kien ta' inċiżur. Kien jieħu ħsieb li jsiru u jinbiegħu armi tal-kunjomijiet, b'disinji ta' G. Duca u A. Gerada (cfr. Ġ. MAMO, *Obstetricia Illustrata*, Malta, Universal Press — Gżira 1939, pp. 75–78). Għal kitba ta' Mamo fuq is-suġġett cfr. *Tagħrif fuq l-Araldika jew l-Armi tal-Kunjomijiet*, Ħm., n. 497, 11/11/1933, p. 5; n. 502,

16/12/1933, p. 12; n. 509, 3/2/1934, p. 16. Fl-1936 Duca kien għamel pittura ta' wiċċ Mamo, riprodotta f'p. iii tal-ktieb imsemmi.

19. Mamo kiteb: "Fi żmien il-gwerra l-kbira, min qed jikteb kien fl-Eġittu. L-Eġittu huwa l-pajjiż ta' l-avventura, tal-flus" (*Ġabra ta' Sigrieti*, Malta, The New Art Press — Sliema 1934, p. 3). Stqarr ukoll li dam fl-Eġittu "xi disa' snin" (*Min hu Caffari*, K., III, n. 140, 1/5/1930, p. 6). Qabel ma żżewweġ għamel xi żmien ukoll it-Tuneżija (*Tagħrif* cit.).
20. *Tifħir, Ġieh u Qima lil Sant'Andrija*, Ħa., IV, n. 194, 7/12/1915, p. 2. Poeżija oħra tiegħu bl-istess tema, magħmula minn seba' strofi ta' sitt ottonari u kwinarju kull waħda, hi *Lill-Kbir Martri Appostlu S. Andrija Protettur tal-Ħalluqin* (Ħ., V. n. 313, 30/11/1921, p. 3).
21. Fil-passaport maħruġ f'Lixandra, validu għar-Renju Unit u Malta, hemm il-permess, mogħti f'Malta fil-5 t'April 1922, biex jivvjaġġa fl-Italja, Franza u l-Ingilterra (p. 8). Il-passaport maħruġ f'Malta kien validu għar-Renju Unit, l-Ewropa kollha, Tunes u l-Alġerija (p. 4).
22. H. FRENDO, *Lejn Tnissil ta' Nazzjon*, Malta, Klabb Kotba Maltin 1971, p. 77.
23. Ġ. AZZOPARDI, *X'Ġarrab Manwel Dimech*, Malta, Union Press 1975, p. 103.
24. H. FRENDO, *op. cit.*, pp. 28–29.
25. *Fittxu Fittxu Isaw Infetħu*, vv. 1–16, "Il-Bandiera tal-Maltin", XIV, n. 435, 21/2/1914, p. 2. Fl-istess żmien, aktarx imqanqlin minn Mamo, bdew jiktbu Maltin oħrajn mill-Eġittu fil-gazzetta ta' Dimech, bħal Ġużè Zammit u Ant. G. Said minn Port Said, u Ernest Borg u Carmel Cachia mill-Kajr. L-aħħar tnejn stqarru li kien Mamo li għarrafhom b'Dimech u bix-Xirka (cfr. *Mill-Kajr*, B.M., XV, n. 439, 21/3/1914, p. 3).
26. *Mill-Kajr*, B.M., XIV, n. 429, 10/1/1914, p. 3.
27. *Mill-Kajr*, B.M., XIV, n. 430, 17/1/1914, p. 3.
28. *Mill-Eġittu — Maltin ta' Malta*, B.M., XIV, n. 435, 21/2/1914, p. 2.
29. *X'Kelli Lest Qabel Tlaqt għal hawn l-Eġittu*, B.M., XV, n. 440, 28/3/1914, p. 3. In-nuqqas ta' sabar tiegħu quddiem in-nuqqasijiet tas-soċjetà Maltija hu mnissel u mkabbar mill-fatt li, kif stqarr hu nnifsu, siefer ħafna fl-Afrika u fl-Ewropa (cfr. *Nuqqas ta' Banek — Lottu fil-Belt*, L.O., III, n. 133, 30/7/1925, p. 2).
30. *X'Ġarrab Manwel Dimech* cit., pp. 103–106, 111–113.
31. *Ibid.*, p. 104. Kopja tar-ritratt imsemmi baqgħet għand iben Mamo, Adolfu. L-indirizz ta' Mamo kien 8 Rue Macoris — Caracol Labban, Lixandra.
32. *Ibid.*, pp. 105–106.
33. *Ibid.*, pp. 111–112.
34. *Ibid.*, pp. 112–113.
35. *Malta Tkun Aħjar*, Ħ., V, n. 233, 23/2/1921, p. 2.
36. *Il-Bellieġħa tan-Nazzjon Maltija*, Ħ., V, n. 261, 1/6/1921, p. 3. H. Casolani, ex-suprintendent ta' l-emigrazzjoni, kiteb hekk dwar il-Maltin fl-Eġittu

f'dan iż-żmien: "3,006 Maltese of the emigrant and seafaring class sailed for this country in the last ten years and 1,524 returned.... The nominal balance is made up of 1,268 men, 160 women and 54 children" (*Awake Malta, or The Hard Lesson of Emigration*, Malta, Gov. Printing Office 1930, p. 75). Mamo fittex ukoll li jagħti tagħrif minn Lixandra dwar il-ġrajjiet t'hemm (cfr. *Ir-Rivoluzzjoni fl-Eġittu*, Ħ., V, n. 264, 11/6/1921, p. 2). Dwar xejriet tal-ħajja tal-Maltin fl-Eġittu f'dan il-perijodu cfr., fost l-oħrajn, "L-Istandard tal-Maltin", meqjus bħala l-"eku ta' l-Orjent Malti", li beda joħroġ fil-Kajr fl-24 ta' Settembru 1921, u "Valletta — il-Vuċi tal-Malti Eġizzjan", li beda jidher ukoll fil-Kajr fis-27 t'April 1923.

37. Ħ., V, n. 252, 30/4/1921, p. 2.
38. H. FRENDO, *op. cit.*, pp. 21, 77. Mamo baqa' jfakkar lil Dimech fil-kitbiet tiegħu ta' wara. Fl-1930 iddefinieh bħala "dak ix-xewwiex ta' moħħ il-Malti, il-martri Manwel Dimech" (*Żjara lil Xbihat Kbaratna fi Lsienna l-Malti*, K., IV, n. 161, 25/9/1930, p. 7).
39. *Ftuħ ta' Ftehim — Programm*, L., I, n. 1, 9/12/1922, p. 1.
40. *Lill-Ħabib Tiegħi Għażiż Ġwanni Mamo* hi poeżija oħra ta' Dimech lil Mamo (cfr. L., I, n. 3, 23/12/1922, p. 2). Il-versi 13–16 juru għal darba oħra x-xewqa ta' Dimech li Mamo ma jinsiehx f'mewtu:

    *Iftakar fija, qatt la tinsieni;*
    *Iftakar x'għedtlek f'edak il-kliem!*
    *Għax issa sejjer Hemmhekk, ħabibi,*
    *B'qalbi nsellimlek; għalik is-sliem!*

41. *Tagħrif* cit.
42. Cfr. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, Malta, Tip. Ant. Ellul — Valletta 1930, p. 466.
43. F'ittra ta' l-14 ta' April 1939 minn Sille'-le-Guillaume, Sarthe, Franza, Laurent Ropa kitiblu wkoll: "Laissez-moi vous dire combien j'aiètè heureux de le lire; je voudrais avoir le temps de le relire. Vous n'êtes pas restè au-dessous de votre grand modèle Cervantes; votre talent est des plus grands, mon cher Mamo" (*Obstetricia Illustrata* cit., p. 1). Fost il-ħbieb ta' Mamo kien hemm ukoll Laferla, Boffa, Levanzin u Ellul Mercer (*Tagħrif* cit). Il-qbil bejn Mamo u Ropa jidher ukoll mis-sehem ta' Mamo fil-gazzetta "Melita", mibdija f'Susa, it-Tuniżija, fl-1937. Il-qima ta' Mamo lejh tidher l-aktar f'*Lil Laurent Ropa*, M., II, n. 47, 5/8/1938, p. 2. Ropa kitiblu wkoll fl-ittra msemmija: "Pourquoi ne faites-vous pas des comedies? Il me semble que vous y rèussiriez admirablement.... Faites-vous enfin du grand theatre, du Molière, du Terence; vous reussirez sûrement, et vous contribuerez encore à l'ennoblissement de la langue maltaise." Ropa lemaħ fir-rumanz id-dimensjoni teatrali li fil-fehma tajba tiegħu setgħet twassal lil Mamo biex jaqbad ukoll it-teatru. It-tisħiq fuq id-djalogar ħaj, immexxi

minn imġiba viżiva, u fuq il-konkretizzazzjoni ta' qagħdiet tipiċi jressaq bosta siltiet tar-rumanz lejn it-teatru. Għal xogħol qasir ta' Mamo miktub f'għamla ta' konverżazzjoni, tipika tar-rumanz minħabba l-burdata ċajtiera u ironika, imfissra b'konfront bejn "moħħ għoli" u "moħħ baxx" cfr. *Djalgu mill-Kajr*, "Il-Bandiera tal-Maltin", XV, n. 499, 30/5/1914, p. 3. Xejriet ta' l-istess stil tiegħu bħala rakkuntatur jidhru wkoll fi storja qasira, li hu sejħilha "finzjoni", *Ħallelin tat-Tiġieġ*, Ħ., XI, n. 947, 28/12/1927, p. 3.

44. *Bla Telf ta' Żmien ja Poplu Malti*, loc. cit., p. 3. L-importanza tal-qari hi wieħed mill-ħsibijiet ewlenin ta' Dimech innifsu. Il-kliem magħżul għal fuq l-istemma tax-Xirka, "Praevaluit Lux — Għaleb id-Dawl", jixhed il-ħtieġa tat-tagħlim, waqt li biex ifisser il-preżenza tal-ktieb fl-istemma Dimech kiteb li dan juri li "ż-żabra sejra ssir bil-għerf, bid-dawl, fuq il-ktieb" (*L-Istemma tax-Xirka*, B.M., XV, n. 444, 25/4/1914, p. 1). Dimech innifsu kiteb:" Kunu nies ta' qawwa kbira, qawwa tas-sider, qawwa tal-qalb, imma fuq kollox qawwa tal-ħsieb! Il-ħsieb kollox, uliedi!.... il-ħsieb huwa dak li jerfagħna u jgħollina fuq il-bhejjem" (*Ftakru*, B.M., XV, n. 458, 1/8/1914, p. 1).
45. *Isem Aħwatna*, Ħ., VI, n. 386, 12/8/1922, p. 3. Il-qima ta' Mamo lejn il-kittieba Maltin u x-xewqa tiegħu li jarahom magħrufa tidher ukoll fi *Żjara lil Xbihat Kbaratna fi Lsienna l-Malti*, loc. cit., p. 7. L-internazzjonaliżmu li fuqu jixtieq jibni l-emanċipazzjoni kulturali hu msieħeb man-nazzjonaliżmu, mifhum bħala l-kuxjenza tal-valuri taċ-ċiviltà, l-iżjed letterarja, tal-pajjiż.
46. *Tbiddel ja Poplu*, Ħ., VI, n. 389, 23/8/1922, p. 2. Għal messaġġ ieħor minn Londra, miktub fit-28 ta' Mejju 1922, li fih iħeġġeġ lill-Maltin biex jimxu fuq il-mudell ta' Ruma, Pariġi u Londra, cfr. *Ngħaddu 'l Quddiem, Maltin*, Ħ., VI, n. 370, 17/6/1922, p. 3. Fl-1930 Mamo reġa' telaq għal vjaġġ ieħor, lejn Tunes, Marsilja, Pariġi u Londra. Mill-ewwel ittra tiegħu miktuba f'Londra fit-18 ta' Ottubru 1930 sa l-aħħar deskrizzjoni tiegħu tal-vjaġġ, mogħtija f'sensiela ta' artikli ħerqana f'"Il-Kotra" (cfr. *Mawra sa Londra*, IV, n. 166, 30/10/1930, p. 3; IV, n. 167, 6/11/1930, p. 7; IV, n. 168, 13/11/1930, p. 7; IV, n. 169, 20/11/1930, p. 3; IV, n. 170, 27/11/1930, p. 8; *F'Londra*, IV, n. 172, 11/12/1930, p. 5), Mamo juri għal darba oħra l-pjan kulturali tiegħu u x-xewqa li l-poplu Malti wkoll jieħu sehem fiċ-ċiviltà tad-dinja, u l-aktar Ewropea. Għalih is-safar hu l-għodda meħtieġa biex il-Maltin jifhmu t-triq tal-progress dinji u jerġgħu lura mdawlin lejn pajjiżhom. Din l-imġiba hi tipika tiegħu kemm bħala vjaġġatur u kemm bħala rumanzier. *Lill-Ħaddiem Malti*, saffika li ħadet l-ewwel premju tal-*Pronostku Malti* fl-1924, iffirmata bl-inizjali G.M., tidher li hi tiegħu minħabba l-motivi li tfisser u li jaqblu sewwa max-xejriet ta' l-ittri msemmija kif jidher minn dawn is-siltiet li jagħalqu l-poeżija dwar l-emigrazzjoni u l-ħtieġa li l-emigrant Malti jerġa' lura lejn art twelidu mgħammar bil-kisbiet ġodda miġjuba minn barra:

*Malli jidhirlek li stagħnejt biżżejjed*
*qis li 'l-familja ma ssejjaħx għal fejnek;*
*aktar ma l-Malti jħalli għal dejjem gżirtu*
*aktar minfloku*

*jidħol ħaddieħor!... Il-għalhekk lejn darek*
*arġa', u hawnhekk waqqaf ix-xogħol qalb niesek,*
*ma' barra xandar ibda l-ħdim ta' idejhom*
*u ħilthom għarraf.*

*O Malta, tiegħek kieku l-għonja jifhmu*
*kemm għadek ċkejkna u mill-Ewropa mbiegħda*
*ma jerfgħux flushom, 'mma jħaddmuhom kollha*
*u jkabbru ismek!*

(*Lill-Ħaddiem Malti*, vv. 29–40, *Pronostku Malti*, vol. XXVII, Ġ. Muscat 1924, p. 48). Hemm riferenza għall-Proġett Ebejer (vv. 37–40).

47. *'Il Quddiem bħal f'Pariġi, Maltin!*, Ħ., VI, n. 390, 26/8/1922, p. 2. Cfr. ukoll, dwar il-vjaġġ ta' l-1930, *Sitt Ħarsiet ta' l-Għaġeb f'Pariġi*, K., IV, n. 174, 25/12/1930, p. 7; IV, n. 176, 8/1/1931, p. 7. Sa l-24 ta' Novembru 1930 Mamo kien għadu qiegħed jikteb minn Pariġi (cfr. *Ċensu Bugeja u l-Faxxisti*, K., IV, n. 171, 4/12/1930, p. 3). Malli wasal lura reġa' ntefa' minnufih għall-kitba fil-ġurnali (cfr. *Xaqq Dawl*, K., IV, n. 175, 1/1/1931, p. 2), dejjem bit-tema mtennija tal-ħtieġa tat-tagħlim.
48. *Ġabra ta' Sigrieti* cit., p. 3.
49. *Storja tas-Sinktib, Tagħlim lil Ulied Malta, Ġawhra ta' Qari Malti*, B., n. 1865, 15/3/1938, p. 8.
50. *L-Inventur Mikilanġ Sapiano*, loc. cit., p. 8. Il-qima ta' Mamo lejn Sapiano (1826–1912), li għex u miet Ħal Luqa, hi mnissla mill-ħila inventiva tiegħu. Sapiano kien jinqeda b'rota li vvinta hu nnifsu għat-trasport (Ġ. MICALLEF, *op. cit.*, p. 239) u għalhekk fl-istess ittra Mamo ddeskrivieh fuq ir-rota. Hemm riferenza għal Sapiano fir-rumanz (XVIII).
51. *'Il Quddiem*, vv. 1–4, 13–20, 33–36, *Pronostku Malti*, vol. XXIX. Ġ. Muscat 1926, pp. 76–77. Dwar l-internazzjonaliżmu kulturali tiegħu, jew aħjar id-dawl li l-Maltin għandhom jieħdu mid-dinja għall-emanċipazzjoni tagħhom, cfr., fost xogħlijiet oħra, għadd ta' ittri minn Londra mxandrin f'"Il-Ħamra": III, n. 199, 18/10/1930, p. 2; IV, n. 200, 22/10/1930, p. 2; IV, n. 201, 25/10/1930, p. 2; IV, n. 202, 29/10/1930, p. 2; IV, n. 203, 1/11/1930, p. 2; IV, n. 206, 12/11/1930, p. 2; IV, n. 207, 15/11/1930, p. 2; IV, n. 208, 19/11/1930, p. 3; IV, n. 209, 22/11/1930, p. 4; IV, n. 210, 26/11/1930, p. 3; IV, n. 211, 29/11/1930, pp. 2, 4. (F'xi żmien f'dan il-perijodu l-indirizz tiegħu f'Londra kien Rowton House, Newington Butts, London S. E., 11). Id-diskors tiegħu minn Pariġi (e.g. Ħm., IV, n. 212, 3/12/1930, p. 2) għandu l-istess tifsira. Min-naħa l-oħra Mamo jfisser il-fehma li l-Maltin ta' barra m'għandhomx

jitilfu l-identità tagħhom (cfr. *Malta hija Omm — il-Maltin ta' Barra*, M., II, n. 28, 18/2/1938, p. 1).

52. *Obstetricia Illustrata* cit., p. 5.
53. *Ġabra ta' Sigrieti* cit., p. 84. L-ideal edukativ hu wkoll il-qofol ta' l-appell tiegħu lill-kittieba:

    *Iktbu dejjem, għallmu 'l-poplu,*
    *ulied Malta kittibin,*
    *uru t-triq lill-poplu fqajjar*
    *sabiex le nibqgħu mjassrin.*

    *Aqbdu tkellmu minn kull għoli*
    *b'dik il-kelma kollha nar!*
    *Xejn la tibżgħu: aqbdu l-armi*
    *minn tal-pinna u l-klamar!*

    (*Tħeġġiġa lill-Kittibin*, vv. 5–12, K., IV, n. 154, 7/8/1930, p. 7). Mamo jifhem lill-kittieb dejjem f'sens soċjali u politiku; hu dmir il-kittieb li jtejjeb is-soċjetà billi juża "l-kliem li jistħoqq u li bih biss tiġi l-ħlusija" (*Suldati Kittieba ta' Skond iż-Żmien*, L.O., III, n. 142, 1/10/1925, p. 3).
54. *Obstetricia Illustrata* cit., pp. 77–78. Mamo jisħaq ħafna fuq il-ħtieġa ta' l-użu ta' l-istampi għat-tagħlim, mhux biss minħabba l-livell edukativ tal-qarrejja li kellu f'moħħu, iżda wkoll għaliex din ix-xeħta li jillustra, ipinġi u jonqox id-dehriet bis-saħħa tal-kliem hi xejra ewlenija ta' l-istil tiegħu.
55. *Lill-Ħaddiema Maltin*, Ħ., V, n. 301, 19/10/1921, p. 2. Fost kitbiet oħra cfr. *Kunu Appostli għall-Ħaddiem*, Ħ., V. n. 307, 9/11/1921, p. 2.
56. *Mane, Tekel, Phares*, Ħ., V, n. 309, 16/11/1921, p. 3.
57. *Xidd il-Maskra ja Poplu*, Ħ., VI, n. 338, 25/2/1922, p. 3. Kontra l-aljenazzjoni u t-telqa Mamo jissuġġerixxi t-tqanqil popolari li jwassal biex il-kotra tinqeda bil-mezzi li jsemmgħulha leħenha. Hekk huma d-dimostrazzjonijiet fil-beraħ: "Iva, aħna l-poplu, l-aktarnett il-Ħaddemin, għandu jkollna għax għandna l-jedd bħal popli oħra li nagħmlu dimostrazzjonijiet fit-triqat biex inkunu nistgħu nuru redietna, xewqietna, ħsebijietna, fehmietna bħala poplu li aħna, u dan il-agħjat ngħajtuh u nibqgħu ngħajtuh għal iżjed minn mija u elf darba. Għalfejn aħna poplu?" (*Agħtu lill-Poplu dak li hu tal-Poplu*, L.O., III, n. 138, 3/9/1925, p. 4).
58. *Lis-Sur Karm Mifsud Bonnici*, P., I, n. 24, 28/9/1922, p. 3.
59. *Mane, Tekel, Phares*, loc. cit., p. 3. Għal appell ieħor bħal dan cfr. *Lit-Tassew Ħaddiema Maltin*, M.M., I, n. 14, 5/10/1922, p. 3.
60. *Lis-Sur Karm Mifsud Bonnici*, loc. cit., p. 3.
61. *Ibid.*, pp. 2–3. Madankollu hi ħaġa ċara li x-xejriet tiegħu kienu favur il-Partit tal-Ħaddiema, kif jixhed, fost l-oħrajn, is-sehem tiegħu f'"Labour Opinion" u f'"Il-Kotra". Darba minnhom xandar din l-istedina lill-ħaddiema:

"Qumu u morru fiċ-ċentru fejn hemm il-missier u l-aħwa jistennewkom! Labour Party" (*Ifhem ja Id tal-Ħadid, Ifhem*, L.O., III, n. 134, 6/8/1925, p. 2). Għal xhieda tas-simpatiji tiegħu, imqar jekk imfissra bi kritika għall-avversarju, cfr. *Divide et Impera*, L.O., III, n. 129, 2/7/1925, p. 3 u *L-Isptar fl-1925*, L.O., III, n. 139, 10/9/1925, p. 4.

62. Cfr. Ġ. AZZOPARDI, *Għejdut Manwel Dimech*, Malta, Union Press 1978, p. 67.
63. *L-Istampaturi Maltin*, B.M., II, n. 60, 25/2/1899, p. 3.
64. Cfr. H. FRENDO, *op. cit.*, p. 87 u Ġ. AZZOPARDI, *X'Ġarrab Manwel Dimech* cit., p. 107. Dwar it-twaqqif, min-naħa l-oħra, ta' l-għaqda magħrufa li kellha lil Ġużè Muscat Azzopardi bħala l-ewwel president, li ltaqgħet l-ewwel darba fl-14 ta' Novembru 1920, u dwar id-diskussjoni li wasslet għaliha cfr. O. FRIGGIERI, *Dun Karm — Il-Bniedem fil-Poeta*, Malta, Klabb Kotba Maltin 1980, pp. 52–61. Ħjiel tat-tilwim bejn iż-żewġ gruppi hu mogħti minn Dimech fl-ittra msemmija kif ukoll minn Mamo f'*Lill-President ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, Ħ., V, n. 321, 28/12/1921, p. 3.
65. *Lis-Sur Karm Mifsud Bonnici*, loc. cit., p. 2. Cfr. ukoll *Daqqa ta' Mazza fuq Ras l-Egħdewwa tal-Lsien Malti*, M.M., I, n. 16, 19/10/1922, p. 3, u *Dun Karm Professur Psaila u l-Lsien Malti*, Ħ., VI, n. 349, 5/4/1922, p. 2.
66. *'L Ilsienna l-Malti Jagħleb*, Ħ., VI, n. 334, 11/2/1922, p. 2. Dan hu l-ħsieb li mbagħad Dun Karm biddlu f'emblema tad-difiża kollha tal-lingwa:

    *Ħobb, jekk jiswewlek, l-ilsna barranija,*
    *Iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa*
    (*Għaliex?—Jedd il-Lsien Malti*, vv. 11–12).

67. *Ara l-Ħolqien*, vv. 37–48, *Pronostku Malti*, vol. XXVIII, Ġ. Muscat 1925, p. 79. Min-naħa l-oħra, hu karatteristiku wkoll is-sehem tiegħu fil-poeżija ċajtiera u ironika li minn żmien l-aqwa mudelli ta' Ġan Anton Vassallo (1817–1868), immexxija minn għan edukativ u fl-istess ħin diverenti li mhux bil-fors iwarrab għal kollox u dejjem ix-xeħta letterarja, kellha l-importanza tagħha fit-trawwim tal-versi bil-Malti u fit-tixrid tagħhom fost il-kotra. Fil-ġrajja ta' l-ewwel żminijiet tal-poeżija bil-Malti aktarx din hi l-kitba li tressaq l-iżjed lejn xulxin lill-poeżija letterarja (jew kolta) u lill-poeżija popolari. (Din ir-riflessjoni tgħodd ukoll fl-istħarriġ ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* bħala rakkont popolari li huwa wkoll rumanz letterarju). Fost il-bosta eżempji ta' Mamo jistgħu jissemmew il-versi li jsawru kwadrett, aktarx mibni fuq konverżazzjoni minsuġa ma' kumment, li jagħti xhieda ta' riflessjoni li jrid jasal għaliha l-awtur. Bħala eżempji ta' min isemmi *Laqgħa bil-Qalb*, *Maħfra*, *Nesa u Ftakar* u *Risposta* (cfr. *Almanakk ta' "Il-Ħmar"*, vol. IV, Stamperija Lombardi 1929, pp. 29, 45, 47). Huma lkoll versi li, minkejja n-nuqqas ta' pretensjoni letterarja, isawru ftit jew wisq id-dispożizzjoni ġenerali ta' Mamo rumanzier, kritiku satiriku tas-soċjetà.

68. Fil-ħeġġa tiegħu biex ixerred fehmietu u jgħallem Mamo ma jirnexxilux jaħrab mill-bixra polemika u ġellieda. Eżempju ta' dan jinsab f'*Peppin Dimech ta' B'Kara*, Ħ., X, n. 791, 30/6/1926, p. 2, u fi *Gwerra, Gwerra*, L.O., III, n. 137, 27/8/1925, p. 4. Każ interessanti tal-qilla tiegħu fil-polemika ġurnalistika jinsab f'*Bomba lill-Imgħammad Bulitku*, Ħ., VI, n. 343, 15/3/1922, p. 3 u f' *Il-Bqija tal-Bomba lill-Imgħammad Bulitku*, Ħ., VI, n. 344, 18/3/1922, p. 3, tweġiba għal *Ittra Miftuħa lill-Kittieb Ġwann Mamo*, Ħ., VI, n. 341, 8/3/1922, p. 3, ta' "Politiku". Il-polemika kompliet f'ħarġiet oħra. Darba oħra b'ittra li xeħtet dell fuq Dun Gejtan Mannarino (*Għas-Sewwa fl-Istorja*, Ħ., X, n. 779, 19/5/1926, p. 3) qanqal polemika sħiħa li ħadu sehem fiha, fost l-oħrajn, Ġużè Gatt, Ġ. Micallef Goggi u Tancredi Borg. It-tilwima mibdija minn Mamo u żviluppata minn oħrajn ngħalqet b'nota ta' l-editur (Ħ., X, n. 797, 21/7/1926, p. 3), iżda l-argument storiku ssokta. Bħala eżempju ta' kritika polemika kontrieh cfr. *Eżempju ta' Kritika a la Ġwan-mamwija ta' Kif Għandha ssir dwar ir-Reċita*, Ħ., XI, n. 946, 24/12/1927, p. 5 ta' "Ix-xellej". Din il-kitba, bħal ta' oħrajn, waqqgħet għaċ-ċajt lil Mamo minħabba t-tip ta' Malti "safi" li kien jikteb.
69. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* cit., p. 3.
70. Cfr., fost l-oħrajn, *ibid.*, p. 336 (nota).
71. *Ibid.*, p. 5.
72. *Ibid.*, p. 4. Il-perijodu 1886–1930 jibda bis-sena tat-twelid ta' l-awtur u jagħlaq bis-sena tal-ħruġ tar-rumanz.
73. Cfr. E. F. SUTCLIFFE, *A Grammar of the Maltese Language*, Oxford University Press 1936, p. iv.
74. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* cit., p. 333 (nota). Dwar il-qima tiegħu lejn Dun Karm cfr. *Dun Karm Professur Psaila u l-Lsien Malti*, loc. cit., p. 2.
75. Żewġ siltiet importanti kontra l-fanatiżmu partiġġjan huma: "ġidra ... xierfa daqs x'uħud mill-irjus tal-Parlament tagħna" (VIII); "x'għama jaqa' fuqu l-bniedem b'dawn il-partiti! Kif jintilef!" (XLIX). Mamo kiteb ukoll kontra l-"partiti misħuta" f'*Issa Prosit lill-Konferenzier Hyzler*, M.M., I, n. 18, 2/11/1922, p. 5. Cfr. ukoll il-kummenti tiegħu dwar *Djalgu mill-Kajr*, B.M., XV, n. 450, 6/6/1914, p. 3, fejn ifisser x'ried igħid b'konverżazzjoni mxandra fil-ġurnal ta' ġimgħa qabel.
76. Dibattitu Parlamentari 27/12/1921, *Official Report of the Debates of the Legislative Assembly of Malta 1921–22*, vol. 1, Gov. Printing Office 1924, p. 101. Id-diskussjoni u l-kritika tal-proġett damu sejrin snin sħaħ. Cfr., fost l-oħrajn, id-Dibattiti Parlamentari 23/11/1922, 30/11/1922, 11/12/1922, *Official Report, 1921–22*, vol. 3, Gov. Printing Office 1924, pp. 3059, 3195–3214, 3313–3314; id-Dibattiti Parlamentari 3/7/1924, 28/7/1924, 29/7/1924, *Official Report, 1924–27*, vol. 8, Gov. Printing Office 1928, pp. 309, 579, 583–585. Ixxandret ukoll il-gazzetta "Il-Proġett ta' Ebejer", I, n. 1, 28/5/?. Gaudenzio Ebejer xandar il-korrispondenza li għaddiet bejnu u bejn il-Gvern fis-snin 1921–1926 fil-ktieb *X'Ittratta mal-Gvern Gaudenzio Ebejer*

*Rigward il-Proġett Tiegħu*, Malta, Mirabitur & Co. — Valletta 1927. Ebejer sostna li kellu "proġett li permezz tiegħu jkun hawn fejn jaħdmu kwantità kbira ta' nies minn 1,000 gradatament sa 40,000 ruħ perpetwa" (p. 1). Ir-rabta bejn il-problema tal-qgħad u l-emigrazzjoni, spunt ewlieni fir-rumanz ta' Mamo, tidher aħjar f'egħluq il-ktieb u tfisser għala Mamo tnebbah mill-proġett imsemmi fir-rakkont tiegħu: "Il-qalb tiegħi nħossha ssofri u ssofri wisq meta nara li tant żgħażagħ ... sejrin jagħtu l-kapaċità u s-saħħa tagħhom lil pajjiżi oħrajn u jħallu kontra qalbhom lill-għażiża patrija tagħhom.... Għall-għażiża patrija tagħna xi ngħidu, jiena li nisthajjilha bħala omm l-iżjed ħanina li tippossiedi ġid immens (il-proġett tiegħi) imma tinsab priġuniera li ma tistax tiftaħ il-bibien tal-palazz tagħha biex tista' tqassam dan il-ġid lil uliedha bil-ġuħ li qegħdin jitolbu bil-ħniena l-ħobż u b'qalbha maqsuma jkollha tara lill-fjur minn ta' wliedha sejrin b'għajnejhom imdemmgħa fil-bogħod 'il bogħod jitolbu l-ħobż lill-barranin" (pp. 22–23).

77. Cfr. C. A. PRICE, *Malta and the Maltese*, Melbourne, Georgian House 1954, p. 194. Għal sfond dwar l-emigrazzjoni Maltija fi tmiem is-seklu dsatax cfr. pp. 126–184.
78. *Op. cit.*, pp. 66–67. Casolani jagħti verżjoni kuntrarja għal dik li jagħti Mamo dwar l-emigranti Maltin: "These men, who are a credit to their country, wherever they go, have proved of excellent value to the United States, where the native of Malta, since times immemorial, has ever been welcomed and appreciated" (*ibid.*, p. 67). Deskrizzjoni tal-qagħda ġenerali f'dan iż-żmien hi mogħtija wkoll mill-istess awtur f'*Malta*, E., II, n. 14, 17/7/1926, pp. 4–6. Għal tagħrif dwar il-ħajja tal-Maltin fl-Amerika f'dan il-perijodu cfr., fost l-oħrajn, "L-Eku Malti fl-Amerika" li deher l-ewwel darba f'Detroit fil-11 ta' Novembru 1922, u "The Malta Press in the U.S.A." li nbeda f'Detroit ukoll fil-5 ta' Jannar 1924.
79. *Reports on the Working of Government Departments 1930–31*, Malta, Gov. Printing Office 1932, Section P.
80. *Is-Sebgħa ta' Ġunju 1919*, vv. 1–4, 37–40, L.O., III, n. 125, 4/6/1925, p. 2.
81. *Ifhem, ja Id tal-Ħadid, Ifhem*, loc. cit., p. 2.
82. *Iltqajt Darba ma' Wieħed*, L.O., III, n. 134, 6/8/1925, p. 1.
83. *Mill-Art tal-Gran Mastri — Malta*, M., II, n. 27, 11/2/1938, p. 2.
84. *Malta hija Omm — il-Maltin ta' Barra*, loc. cit., p. 2.
85. *Ifhem, ja Id tal-Ħadid, Ifhem*, loc. cit., p. 2.

UNIVERSITY OF MALTA